Nru./No. 20,969
Prezz/Price
€6.66

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ġimgħa, 2 ta' Diċembru, 2022
Friday, 2nd December, 2022

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU — SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 16,133 - 16,144
Government Notices ..... *16,133 - 16,144*

Avviżi tal-Pulizija ..... 16,144 - 16,145
Police Notices ..... *16,144 - 16,145*

Avviżi lill-Baħħara ..... 16,145 - 16,149
Notices to Mariners ..... *16,145 - 16,149*

Opportunitajiet ta' Impjieg ..... 16,149 - 16,247
Employment Opportunities ..... *16,149 - 16,247*

Avviżi tal-Gvern ..... 16,247 - 16,256
Notices ..... *16,247 - 16,256*

Offerti ..... 16,256 - 16,262
Tenders ..... *16,256 - 16,262*

Avviżi tal-Qorti ..... 16,262 - 16,276
Court Notices ..... *16,262 - 16,276*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 1622

MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA

Nomina ta' Ġudikatur fit-Tribunal għal Talbiet Żgħar

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi, skont id-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (2) u (5) tal-Artikolu 4 tal-Att dwar it-Tribunal għal Talbiet Żgħar (Kap. 380 tal-Liġijiet ta' Malta), il-President ta' Malta, fuq il-parir tal-Prim Ministru, ħatar lill-Av. Marsette Portelli Xerri bħala Ġudikatur fit-Tribunal għal Talbiet Żgħar għal perjodu ta' ħames (5) snin mill-14 ta' Novembru, 2022.

It-2 ta' Diċembru, 2022
(MJ/1/1993/49/VI)

Nru. 1623

FORZI ARMATI TA' MALTA (FORZA REGOLARI)

IL-PRESIDENT ta' Malta għoġbu japprova t-trasferiment tal-Maġġur Stephen Micallef mill-Forza Regolari tal-Forzi Armati ta' Malta għall-Forza tar-Riżerva Regolari, meta rtira, b'seħħ mit-3 ta' Diċembru, 2022.

It-2 ta' Diċembru, 2022

Nru. 1624

KUMITAT NAZZJONALI DWAR L-ANTIBIJOTIĊI

NGĦARRFU għall-informazzjoni ġenerali li bis-saħħa tal-poteri mogħtija minn Artikolu 5(1) tal-Att tas-Saħħa Pubbliku, is-Supretendent tas-Saħħa Pubblika għamel il-ħatriet li ġejjin fil-Kumitat Nazzjonali dwar l-Antibijotiċi għal perjodu ta' tliet snin.

Chairperson
Il-Prof. Michael Angelo Borg

Membri
Dott. Rodianne Abela
Dott. Tanya Melillo
Dott. Tonio Piscopo
Dott. Anthony Azzopardi
Is-Sa Antonia Formosa
Dott. Susan Chircop

Segretarju
Dott. Peter Zarb

It-2 ta' Diċembru, 2022

GOVERNMENT NOTICES

No. 1622

MINISTRY FOR JUSTICE

Appointment of Adjudicators on the Small Claims Tribunal

IT is notified for general information that in terms of sub-articles (2) and (5) of Article 4 of the Small Claims Tribunal Act (Cap. 380) of the Laws of Malta), the President of Malta, acting on the advice of the Prime Minister, has appointed Dr Marsette Portelli Xerri as Adjudicator on the Small Claims Tribunal for a period of five (5) years commencing on the 14th November, 2022.

2nd December, 2022

No. 1623

ARMED FORCES OF MALTA (REGULAR FORCE)

THE President of Malta is pleased to approve the transfer of Major Stephen Micallef from the Regular Force of the Armed Forces of Malta to the Regular Reserve Force, on retirement, with effect from 3rd December, 2022.

2nd December, 2022

No. 1624

NATIONAL ANTIBIOTICS COMMITTEE

IT Is hereby being notified for general information that in exercise of the powers conferred by Article 5(1) of the Public Health Act, the Superintendent of Public Health has made the following appointments on the National Antibiotics Committee for a period of three years.

Chairperson
Prof. Michael Angelo Borg

Members
Dr Rodianne Abela
Dr Tanya Melillo
Dr Tonio Piscopo
Dr Anthony Azzopardi
Ms Antonia Formosa
Dr Susan Chircop

Secretary
Dr Peter Zarb

2nd December, 2022

Nru. 1625

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN FIL-ĦAMRUN

Emendi

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 281 tat-3 ta' April, 1998, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien fil-Ħamrun', għandhom isiru dawn l-emendi kif indikati b'tipi **grassi**.

No. 1625

NUMBERING OF DOORS AT IL-ĦAMRUN

Amendments

WITH reference to Government Notice No. 281 dated 3rd April, 1998, under the title 'Renumbering of doors at Il-Ħamrun', the following amendments in **bold** should be made.

IL-ĦAMRUN

22. TRIQ DANNY CREMONA

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq Pietru Xuereb

Left side entering from Triq Pietru Xuereb

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq Pietru Xuereb

Right side entering from Triq Pietru Xuereb

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Bieb tal-ġenb (Ħanut)	48
Bieb bla numru	50
Edward Court (Flats 1-3)	52
Garaxx	54
Garaxx	56
Ħanut	58

għandhom jinqraw
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
48	48
Bieb bla numru (Ħanut)	**50**
Bieb bla numru (Flettijiet)	**52**
58, **Michelle's** (Ħanut)	58

* In-numri 54 u 56 mhux se jintużaw peress li nfetħu inqas bibien milli kien hemm mibni oriġinarjament

It-2 ta' Diċembru, 2022

2nd December, 2022

Nru. 1626

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN FI GWARDAMANĠA, TAL-PIETÀ

Emenda

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 287 tat-13 ta' Marzu, 2018, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien fil-Ħamrun/Gwardamanġa, Tal-Pietà', għandha ssir din l-emenda kif indikata b'tipi **grassi**.

No. 1626

NUMBERING OF DOORS AT GWARDAMANĠA, TAL-PIETÀ

Amendment

WITH reference to Government Notice No. 287 dated 13th March, 2018, under the title 'Numbering of doors at Il-Ħamrun/Gwardamanġa, Tal-Pietà', the following amendment in **bold** should be made.

GWARDAMANĠA, TAL-PIETÀ

TRIQ MIMOSA

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq Danny Cremona, Il-Ħamrun

Left side entering from Triq Danny Cremona, Il-Ħamrun

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Edris	25
St Mary	27

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq Danny Cremona, Il-Ħamrun

Right side entering from Triq Danny Cremona, Il-Ħamrun

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

għandha tinqara
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Garaxx	**25**		
St Mary	27		

It-2 ta' Diċembru, 2022

Nru. 1627

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN F'PEMBROKE

Emendi

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 575 tal-1 ta' Lulju, 2008, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien f'Pembroke', għandhom isiru dawn l-emendi kif indikati b'tipi **grassi**.

2nd December, 2022

No. 1627

NUMBERING OF DOORS AT PEMBROKE

Amendments

WITH reference to Government Notice No. 575 dated 1st July, 2008, under the title 'Renumbering of doors at Pembroke', the following amendments in **bold** should be made.

PEMBROKE

14. TRIQ GABRIELE HENIN

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq il-Mediterran

Left side entering from Triq il-Mediterran

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
553, Collina Veroi	1
Garaxx	3
Garaxx	5

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq il-Mediterran

Right side entering from Triq il-Mediterran

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

għandhom jinqraw

should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Jewel Court	**1**
1, Collina Verde	**3**
Garaxx	**3A**
Garaxx	5

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

19. TRIQ IL-KURUNELL LORENZO MANCHÈ

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq Mikiel Anġ. Grima

Left side entering from Triq Mikiel Anġ. Grima

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq Mikiel Anġ. Grima

Right side entering from Triq Mikiel Anġ. Grima

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
487, Il-Girna	36
488, Mon Reve	38
Garaxx	40
Garaxx	42

għandhom jinqraw

should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
36, Il-Girna	36
Garaxx	**38**
Bieb bla numru	**38A**
Bieb bla numru (Flettijiet)	**40**
42 (Garaxx)	42

Nru. 1628

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN F'SAN PAWL IL-BAĦAR

Emendi

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 991 tal-24 ta' Novembru, 2006, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien f'San Pawl il-Baħar', għandhom isiru dawn l-emendi kif indikati b'tipi **grassi**.

No. 1628

NUMBERING OF DOORS AT SAN PAWL IL-BAĦAR

Amendments

WITH reference to Government Notice No. 991 dated 24th November, 2006, under the title 'Renumbering of doors at San Pawl il-Baħar', the following amendments in **bold** should be made.

SAN PAWL IL-BAĦAR

5. TRIQ ISOUARD

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq San Pawl
Left side entering from Triq San Pawl

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq San Pawl
Right side entering from Triq San Pawl

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Bini qed jinbena	10
27	12
26	14
Santa Rita	16

għandhom jinqraw
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
10, **Haven Lodge**	10
Bieb bla numru	**12**
Garaxx	**12A**
Garaxx	**14**
16, Santa Rita	16

It-2 ta' Diċembru, 2022

2nd December, 2022

Nru. 1629

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN F'PEMBROKE

Emendi u Prolungament

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 575 tal-1 ta' Lulju, 2008, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien f'Pembroke', għandhom isiru dawn l-emendi u prolungament kif indikati b'tipi **grassi**.

No. 1629

NUMBERING OF DOORS AT PEMBROKE

Amendments and Prolongation

WITH reference to Government Notice No. 575 dated 1st July, 2008, under the title 'Renumbering of doors at Pembroke', the following amendments and prolongation in **bold** should be made.

PEMBROKE

24. TRIQ IL-MEDITERRAN

Meta tidħol minn Triq Don Luigi Rigord
Entering from Triq Don Luigi Rigord

Emendi - *Amendments*

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
551, Qrolla	101
Garaxx	102

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
552, Soltiuana	103

għandhom jinqraw
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
101, Qrolla	101
Daħla għall-garaxxijiet	**102**
M1	**103**

Prolungament - *Prolongation*

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
M1	103

għandhom jiżdiedu
should be added

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
M2	**104**

It-2 ta' Diċembru, 2022

Nru. 1630

WARRANT MILL-MINISTRU GĦALL-ĠUSTIZZJA

NGĦARRFU illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-Artikolu (3) tal-Ordinanza dwar il-Kummissjunajri b'Setgħa li Jagħtu Ġurament (Kap. 79), il-Ministru għall-Ġustizzja ħatar bħala Kummissjunarji b'Setgħa li Jagħtu Ġurament, fil-qadi tad-doveri tagħhom u sakemm jibqgħu fil-kariga, lill-imsemmija hawn taħt:

Uffiċjali/Impjegati Pubbliċi

Cassar, is-Sur Francesco, Spiżjar, Spiżerija tal-Għażla Tiegħek

Mifsud, is-Sa Amanda, Uffiċjal, Aġenzija Komunità Malta

Pulizija

Azzopardi, l-Ispettur Ian
Borg, l-Ispettur Clive Victor
Caruana Darmanin, l-Ispettur Keith
Cauchi, l-Ispettur Christian
Galea, l-Ispettur Warren
Howard, l-Ispettur John Leigh
Kitcher, l-Ispettur Gabriel
Magri, l-Ispettur Antonello
Mallia, l-Ispettur James

2nd December, 2022

No. 1630

WARRANT BY THE MINISTER FOR JUSTICE

IT is notified that in exercise of such powers as provided by Article (3) of the Commissioners for Oaths Ordinance (Cap. 79) the Minister for Justice appointed as Commissioners for Oaths, in the performance of their duties and for as long as they remain in such office, the undermentioned:

Public Officers/Employees

Cassar, Mr Francesco, Pharmacist, Pharmacy of Your Choice

Mifsud, Ms Amanda, Officer, Community Malta Agency

Police

Azzopardi, lnspector Ian
Borg, lnspector Clive Victor
Caruana Darmanin, lnspector Keith
Cauchi, lnspector Christian
Galea, lnspector Warren
Howard, lnspector John Leigh
Kitcher, lnspector Gabriel
Magri, lnspector Antonello
Mallia, lnspector James

Muscat, l-Ispettur Warren Chris
Pace, l-Ispettur Jonathan
Scicluna, l-Ispettur Elisa
Tabone, l-Ispettur Michael
Vella, l-Ispettur Ian
Woods, l-Ispettur Shamus
Xerri, l-Ispettur Keith
Zammit, l-Ispettur Zachary

Prokuraturi Legali
Connor, is-Sur Kurt

Avukati
Mifsud, Dott. Charlene

B'Awtorità
Jonathan Attard
Ministru għall-Ġustizzja

It-2 ta' Diċembru, 2022
MJEG 21/2021/10

Muscat, lnspector Warren Chris
Pace, lnspector Jonathan
Scicluna, lnspector Elisa
Tabone, lnspector Michael
Vella, lnspector Ian
Woods, lnspector Shamus
Xerri, lnspector Keith
Zammit, lnspector Zachary

Legal Procurators
Connor, Mr Kurt

Advocates
Mifsud, Dr Charlene

By Authority
Jonathan Attard
Minister for Justice

2nd December, 2022

Nru. 1631

KODIĊI TA' ORGANIZZAZZJONI U PROĊEDURA ĊIVILI (KAP. 12)

Ħatra ta' Avukati għall-Għajnuna Legali

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi, a tenur tal-Artikolu 89 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Ministru tal-Ġustizzja ħatar lill-avukat li jidher hawn taħt bħala Avukat għall-Għajnuna Legali f'materji ċivili u kriminali, għall-perjodu bejn l-1 ta' Jannar, 2023 u l-31 ta' Diċembru, 2023, iż-żewġ dati inklużi.

MALTA
L-Av. Brandon Kirk Muscat, LLD

Illum 30 ta' Novembru, 2022
LAM 41/2020

No. 1631

CODE OF ORGANIZATION AND CIVIL PROCEDURE (CAP. 12)

Appointment of Legal Aid Lawyers

IT is notified for general information that, in terms of Article 89 of Chapter 12 of the Laws of Malta, the Minister for Justice appointed the hereunder lawyer as Legal Aid Lawyer for civil and criminal matters, for the period between 1st January, 2023 and 31st December, 2023, both days included.

MALTA
Dr Brandon Kirk Muscat, LLD

Today 30th November, 2022

Nru. 1632

KODIĊI TA' ORGANIZZAZZJONI U PROĊEDURA ĊIVILI (KAP. 12)

Ħatra ta' Kuraturi Uffiċjali

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi, a tenur tal-Artikolu 89 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Ministru tal-Ġustizzja ħatar lil hawn taħt imsemmija bħala Kuraturi Uffiċjali għall-perjodu bejn l-1 ta' Jannar, 2023 u l-31 ta' Diċembru, 2023, iż-żewġ dati inklużi

No. 1632

CODE OF ORGANIZATION AND CIVIL PROCEDURE (CAP. 12)

Appointment of Official Curators

IT is notified for general information that, as per Article 89 of Chapter 12 of the Laws of Malta, the Minister for Justice appointed the following as Official Curators for the period between 1st January, 2023 and 31st December, 2023, both days included.

MALTA
L-Av. Brandon Kirk Muscat, LLD

Illum 30 ta' Novembru, 2022
LAM 41/2020

Nru. 1633

KODIĊI TA' ORGANIZZAZZJONI U PROĊEDURA ĊIVILI (KAP. 12)

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Av. Cynthia Tomasuolo, LLD, se tirreżenja mill-kariga bħala Kuratur Uffiċjali u Avukat għall-Għajnuna Legali (Malta) b'seħħ mill-1 ta' Jannar, 2023.

Illum 30 ta' Novembru, 2022
LAM 41/2020

Nru. 1634

ATT TAL-2016 DWAR L-IPPJANAR TAL-IŻVILUPP (ARTIKOLU 57)

Emenda fl-Iskedar ta' Proprjetà

WARA d-deċiżjonijiet tal-Kunsill Eżekkutiv bid-data tat-8 ta' Novembru, 2022, u t-22 ta' Novembru, 2022, l-iskedar li ġej qiegħed jiġi emendat.

B'referenza għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 1,173 ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern Nru. 20,694 tat-3 ta' Settembru, 2021; Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 430 ippublikata fil-Gazzetta tal-Gvern Nru. 20,395 tat-28 ta' April, 2020; u Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 1,237 ippublikata fil-Gazzetta tal-Gvern Nru. 20,504 tat-23 ta' Ottubru, 2020, il-pjanti li jikkonċernaw il-proprjetajiet/żoni tal-lqugħ li ġejjin qegħdin jiġu sostitwiti bil-mapep kif indikat f'paġni 16,140 sa 16,142) rispettivament:

Żona ta' Lqugħ għal Villa Barbaro		Ħal Tarxien	Mappa 1
Casa Guardamangia u l-ġonna tagħha	Telgħet Gwardamanġa	Tal-Pietà	Mappa 2
Villa Cal Rose u l-Ġonna tagħha (previously known as Villa Ciantar)	Triq ix-Xatt	Tal-Pietà	Mappa 3

L-Awtorità tal-Ippjanar teżerċita s-setgħat tagħha ta' twettiq, kif imfissra f'Artikoli 57, u 97 sa 100 tal-Att, fil-każ ta' xi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp f'dak li jirrigwarda proprjetà skedata.

It-2 ta' Diċembru, 2022

MALTA
Dr Brandon Kirk Muscat, LLD

Today 30th November, 2022

No. 1633

CODE OF ORGANIZATION AND CIVIL PROCEDURE (CAP. 12)

IT is notified for general information that Dr Cynthia Tomasuolo, LLD, will be resigning from Official Curator and Advocate for Legal Aid (Malta) with effect from 1st January, 2023.

30th November, 2022

No. 1634

DEVELOPMENT PLANNING ACT, 2016 (ARTICLE 57)

Amendment of Scheduling of Property


FOLLOWING the decisions of the Executive Council dated 8th November and 22nd November, 2022, the following scheduling is being amended.

With reference to Government Notice No. 1,173 published in the Government Gazette No. 20,694 of the 3rd of September, 2021; Notice No. 430 published in the Government Gazette No. 20,395 of the 28th of April, 2020; and Notice No. 1,237 published in the Government Gazette No. 20,504 of the 23rd of October, 2020, the maps referring to the properties/buffer zones mentioned below, shall be superseded by the maps as shown on pages 16,140 to 16,142 respectively:

Żona ta' Lqugħ għal Villa Barbaro		Ħal Tarxien	Mappa 1
Casa Guardamangia u l-ġonna tagħha	Telgħet Gwardamanġa	Tal-Pietà	Mappa 2
Villa Cal Rose u l-Ġonna tagħha (previously known as Villa Ciantar)	Triq ix-Xatt	Tal-Pietà	Mappa 3

The Planning Authority will exercise its powers of enforcement, as set out in Article 57, and 97 to 100 of the Act, in the case of any contravention to the provisions of the Development Planning Act 2016 with regards to Scheduled Property.

2nd December, 2022



PLANNING AUTHORITY

St. Francis Ravelin
Floriana FRN 1230
www.pa.org.mt
Tel.: (+356) 2290 0000

Title:

Amendment of Scheduling

Żoni ta' Lqugħ għal Villa Barbaro, Ħal Tarxien

Legend:

Present scheduling (no changes)


Villa Barbaro and buffer zone as already scheduled as per GN 0158/09 dated 27.02.09 (no changes)


Buffer zones as scheduled in GN 1173/21

Within these amended buffer zones, the buildings cannot exceed the maximum building height of 12.3m (as per DC15). The street facade cannot exceed a height of 10m. The maximum height of 12.3m includes a receded floor (minimum setback of 4.25m) without an overlying parapet wall.

Additionally, for all the buffer zones, care must be given to the design, colour and textures on the facades so that these elements can further mitigate any impacts on the context of the scheduled property.

Ref. No.: GF 5287/02 Map No.: 1


N
3
2
1
0
0.0045
0.009
0.018
Km
PLANNING AUTHORITY
St. Francis Ravelin
Floriana FRN 1230
www.pa.org.mt
Tel.: (+356) 2290 0000
Title:
Amendment of Scheduling
Casa Guardamanga
u l-ġonna tagħha
Telgħet Guardamanga,
Tal-Pieta'
Legend:
Grade 1
1
as amended,
Garden including all garden architecture - Grade 1
Grade 2
2
Part of the building forming part of the Villa - Grade 2
Grade 3
3
Part of the property having relatively recent interventions - Grade 3
That part of the property scheduled as per GN 0349/01 dated 20.04.01 remains unchanged
Ref. No.: GF 5287/02
Map No.: 1



PLANNING AUTHORITY

St. Francis Ravelin
Floriana FRN 1230
www.pa.org.mt
Tel.: (+356) 2290 0000

Title:

Amendment of Scheduling

Villa Cal Rose
u l-ġonna tagħha
Triq ix-Xatt,
Tal-Pieta'
(previously known as Villa Ciantar)

Legend:

Amendments

The name of the property is being amended to Villa Cal Rose (previously known as Villa Ciantar in GN 1237/20 dated 23.10.20)

Grade 1

1 as being amended, Garden including all garden architecture - Grade 1

Grade 2

2 Part of the property having arched vaults - Grade 2

Grade 3

3 Part of the property having relatively recent interventions - Grade 3

Ref. No.: GF 5287/02 Map No.: 1

Nru. 1635

ATT DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAP. 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi, fid-data li tidher hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet tal-artikolu 14 tal-imsemmi Att kif ġej:

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
2.12.2022	€54.564	€0.669

It-2 ta' Diċembru, 2022

No. 1635

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ACT (CAP. 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that, on the date shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consul for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of article 14 of the said Act as follows:

2nd December, 2022

Nru. 1636

MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI

Direttorat dwar il-Ħarsien tal-Pjanti

Tiġdid tan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 681 tal-10 ta' Ġunju, 2022

Id-Direttorat għal Ħarsien tal-pjanti jgħarraf illi n-notifikazzjoni tal-Gvern numru 681, li ġiet maħruġa fl-10 ta' Ġunju, 2022, dwar il-Ġestjoni ta' Siġar tal-Palm ġewwa siti magħżula, qiegħda tiġi mġedda.

It-2 ta' Diċembru, 2022

No. 1636

MINISTRY FOR AGRICULTURE, FISHERIES AND ANIMAL RIGHTS

Plant Protection Directorate

Renewal of Government Notice No. 681 of 10th June, 2022

The Plant Protection Directorate hereby notifies that Government Notice number 681 issued on 10th June, 2022, on the Management of Palm Trees within designated sites, is hereby being renewed.

2nd December, 2022

Nru. 1637

REVOKA TA' ART

Emenda

NGĦARRFU b'din illi b'referenza għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 450, ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern Nru. 20,847 tat-28 ta' April, 2022, it-titlu kellu jkun 'Revoka ta' Art' u mhux 'Akkwist ta' Art'.

It-2 ta' Diċembru, 2022

Nru. 1637

REVOCATION OF LAND

Amendment

IT is hereby notified that, with reference to Government Notice No. 450, published in Government Gazette No. 20,847 of the 28th April, 2022, the title should have been 'Revocation of Land' and not 'Acquisition of Land'.

2nd December, 2022

Nru. 1638

AKKWIST TA' ART

Emenda

NGĦARRFU b'din illi b'referenza għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 1612, ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern Nru. 20,966 tat-28 ta' Novembru, 2022, l-ismijiet tal-periti fil-verżjoni bl-Ingliż tad-deskrizzjoni tal-art kellhom jkunu Dr Edwin Mintoff, A&CE, James Mifsud, A&CE u Damian Vella Lenicker, A&CE.

It-2 ta' Diċembru, 2022

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 195

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont l-Avviż Legali 94/97 it-toroq hawn taħt imsemmija se jiġu kklassifikati bħala Żoni ta' Rmonk fid-dati u l-ħinijiet kif indikat hawn taħt.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu jew jiddawru mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Ir-Rabat (Malta)

Nhar il-Ħamis, 8 ta' Diċembru, 2022, mit-8.30 a.m. sas-6.00 p.m., minn Pjazza tal-Parroċċa.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

It-2 ta' Diċembru, 2022

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 196

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont il-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 65.05 u l-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 65.13, it-toroq hawn taħt imsemmija se jiġu kklasifikati bħala Żoni ta' Rmonk kif indikat hawn taħt fid-dati u ħinijiet indikati.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan jista' jagħti l-każ li ma jkunux jistgħu jgħaddu jew jiddawru mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Nru. 1638

ACQUISITION OF LAND

Amendment

IT is hereby notified that, with reference to Government Notice No. 1612, published in Government Gazette No. 20,966 of the 28th November, 2022, the names of the architects in the English version of the description of land should have been Dr Edwin Mintoff, A&CE, James Mifsud, A&CE u Damian Vella Lenicker, A&CE.

2nd December, 2022

POLICE NOTICE

No. 195

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of L.N. 94/97 the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones as indicated hereunder on the dates and times indicated.

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulations Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended or deviated on the dates and times indicated.

Rabat (Malta)

On Thursday, 8th December, 2022, from 8.30 a.m. till 6.00 p.m., through Pjazza tal-Parroċċa.

Vehicles found in contravention to the order of this notice are liable to be towed.

2nd December, 2022

POLICE NOTICE

No. 196

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Subsidiary Legislation 65.05 and Subsidiary Legislation 65.13, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones.

In virtue of Section 52 (1) of the Traffic Regulations (Chapter 65). The Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder may be prohibited on the dates and times indicated.

Il-Belt Valletta

Nhar it-Tlieta, 13 ta' Diċembru, 2022, mill-5.00 a.m. sas-2.00 p.m. minn Triq ir-Repubblika bejn Triq l-Arċisqof u Triq San Duminku, Triq il-Merkanti bejn Triq San Kristofru u Triq San Duminku, u Triq San Kristofru bejn Triq id-Dejqa u Triq ir-Repubblika. Il-parkeġġ tal-Bank Ċentrali kollu.

Nhar it-Tlieta, 13 ta' Diċembru, 2022, mill-5.00 a.m. sas-2.00 p.m., minn Triq ir-Re Dwardu VII kollha.

It-trasport pubbliku (Valletta Circular Bus) jista' jkun affettwat.

L-għeluq tat-toroq isir skont il-bżonn.

Iż-Żurrieq

Nhar il-Ġimgħa, 16 ta' Diċembru, 2022, mill-5.00 a.m. sat- 8.00 a.m. tat-Tnejn, 19 ta' Diċembru, 2022, minn Misraħ ir-Repubblika.

It-trasport pubbliku se jkun ukoll affettwat.

Ta' Kerċem

Nhar is-Sibt, 17 ta' Diċembru, 2022, mill-5.00 p.m. sat-8.30 p.m., minn Triq il-Kalandrijiet, Triq ix-Xagħri, Triq il-Gojjin u Triq Wenzu Mintoff. M'hemmx bżonn clearance.

It-trasport pubbliku jista' jkun ukoll affettwat.

Il-Mosta

Iċ-ċaqliq tat-traffiku kollu (traġitt) huwa projbit nhar it-Tnejn, 19 ta' Diċembru, 2022, mill-4.30 p.m. sas-6.30 p.m., minn Triq id-Dura, Triq Raddet ir-Roti, Dawret il-Wied, Triq Papa Piju XII, Triq il-Fuħħar, Triq l-Imsiebaħ u Triq il-Midbaħ.

It-trasport pubbliku mhux se jkun affettwat.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

It-2 ta' Diċembru, 2022

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 209 tal-2022

Filming fil-Kalanka – Under Her Skin

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta, javża lill-baħħara u lill-operaturi kollha tal-bastimenti tal-baħar li se jsir iffilmjar fil-Kalanka.

Valletta

On Tuesday, 13th December, 2022, from 5.00 a.m. till 2.00 p.m. through Triq ir-Repubblika between Triq l-Arċisqof and Triq San Duminku, Triq il-Merkanti between Triq San Kristofru and Triq San Duminku, and Triq San Kristofru between Triq id-Dejqa and Triq ir-Repubblika. Central Bank parking area.

On Tuesday, 13th December, 2022, from 5.00 a.m. till 2.00 p.m., through all Triq ir-Re Dwardu VII.

Public transport (Valletta Circular Bus) may be affected.

Road closure will be done as required.

Żurrieq

On Friday, 16th December, 2022, from 5.00 a.m. till 8.00 a.m. of Monday, 19th December, 2022, through Misraħ ir-Repubblika.

Public transport will also be affected.

Ta' Kerċem

On Saturday, 17th December, 2022, from 5.00 p.m. till 8.30 p.m., through Triq il-Kalandrijiet, Triq ix-Xagħri, Triq il-Gojjin and Triq Wenzu Mintoff. No clearance needed.

Public transport may also be affected.

Mosta

All the traffic movement (transit) is prohibited on Monday, 19th December, 2022, from 4.30 p.m. till 6.30 p.m., through Triq id-Dura, Triq Raddet ir-Roti, Dawret il-Wied, Triq Papa Piju XII, Triq il-Fuħħar, Triq l-Imsiebaħ and Triq il-Midbaħ.

Public transport will not be affected.

Any vehicles found parked in contravention to the order of this notice are liable to be towed away.

2nd December, 2022

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 209 of 2022

Filming at Il-Kalanka – Under Her Skin

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies all mariners and sea vessel operators that filming activities will take place at Il-Kalanka.

L-iffilmjar, li se jieħu ġurnata waħda, se jsir fiż-żona A, B, C u x-xatt ta' bejniethom, kif jidher fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt).

Pożizzjoni	*Latitudni (T)*	*Longitudni (L)*
A	35° 49'.432	014° 33'.683
B	35° 49'.413	014° 33'.723
C	35° 49'.359	014° 33'.684

L-iffilmjar se jieħu ġurnata waħda u se jsir fi kwalunkwe ġurnata bejn l-Erbgħa, 7 ta' Diċembru, 2022 u l-Ħamis, 22 ta' Diċembru, 2022, skont il-kundizzjonijiet tat-temp. L-iffilmjar se jsir mill-5.00 a.m. sas-7.00 p.m.

Matul il-ġurnata u l-ħinijiet imsemmija, l-orizzont m'għandux ikun ostakolat għal skopijiet ta' ffilmjar. Konsegwentement, il-bastimenti li jgħaddu mis-settur muri skur, m'għandhomx, ħlief f'każ ta' emerġenza, jitfgħu l-ankra jew jibqgħu għaddejjin.

L-ebda bastiment mhu se jitħalla jidħol fiż-żona u l-bastimenti għandhom jagħtu liż-żona spazju wiesa' ta' 300m.

Il-baħħara li jinnavigaw fil-viċinanza taż-żona indikata fil-jiem u l-ħinijiet imsemmija għandhom isegwu fuq VHF Channel 12/16 u għandhom jikkoperaw mal-ekwipaġġ tal-iffilmjar u/jew mal-uffiċjali tal-infurzar fiż-żona.

Kwalunkwe struzzjonijiet maħruġa fuq VHF Channel 12/16 minn Valletta VTS għandhom jiġu mħarsa.

Charts affettwati: BA 36, 2538

It-2 ta' Diċembru, 2022

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 210 tal-2022

Malta Young Sailors Club – Euromed International Regatta – Bajja tal-Mellieħa – Diċembru 2022

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta, jgħarraf lill-baħħara li l-Malta Young Sailors Club se jorganizza l-Euromed Sailing Championship 2022 bejn is-Sibt, 17 ta' Diċembru, 2022 u t-Tlieta 20 ta' Diċembru, 2022.

L-attività se ssir fil-Bajja tal-Mellieħa u l-avviċinamenti tagħha, f'żona delinjata bil-linji immaġinarji li jgħaqqdu l-pożizzjonijiet A sa B u B sa C kif jidher fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt).

Se jitqiegħdu 'inflatable marker buoys', biex jindikaw il-korsa fiż-żona msemmija hawn fuq, mit-8.00 a.m. sal-5.00 p.m. f'kull jum tal-attivitajiet.

The filming, which will take one day, will be carried out within the area A, B, C and the intermediate coastline, as shown on the chart found on Transport Malta website (www.transport.gov.mt).

Position	*Latitude (N)*	*Longitude (E)*
A	35° 49'.432	014° 33'.683
B	35° 49'.413	014° 33'.723
C	35° 49'.359	014° 33'.684

Filming will take one day and will be held on any day between Wednesday, 7th December, 2022 and Thursday, 22nd December, 2022, depending on weather conditions. The filming will take place from 5.00 a.m. till 7.00 p.m.

During the day and the times, for filming purposes, a clear horizon is being requested. Consequently, vessels transiting the hatched sector, shall, except in the case of emergency, not drop anchor or remain underway.

No vessel will be allowed to enter the area and vessels are to give the area a wide berth of 300m.

Mariners navigating in the vicinity of the indicated area on the mentioned days and times are to keep watch on VHF Channel 12/16 and are to cooperate with the filming crew and/or enforcement personnel in the area.

Any instructions issued on VHF channel 12 / 16 by Valletta VTS are to be complied with.

Charts affected: BA 36, 2538

2nd December, 2022

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 210 of 2022

Malta Young Sailors Club – Euromed International Regatta – Mellieha Bay – December 2022

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners that the Malta Young Sailors Club will be holding the Euromed Sailing Championship 2022 between Saturday, 17th December, 2022 and Tuesday, 20th December, 2022.

The activity will take place in Mellieha Bay and its approaches, in an area delineated by the imaginary lines joining positions A to B and B to C as shown on the chart found on Transport Malta website (www.transport.gov.mt).

Inflatable marker buoys, to indicate the racecourse within the above-mentioned area, shall be laid from 8.00 a.m. till 5.00 p.m. on each day of the activities.

Il-bastimenti kollha li mhumiex involuti fir-regatta għandhom iżommu 'l bogħod sew mid-dgħajjes li qed jikkompetu u jsegwu kwalunkwe struzzjonijiet mogħtija mill-uffiċjali tat-tellieqa u l-bastimenti ta' appoġġ.

Il-baħħara għandhom jinnutaw dan ta' hawn fuq u għandhom jagħtu liż-żona indikata spazju wiesa'. Huma avċati wkoll biex josservaw bis-sħiħ ir-Regola 18 (COLREGS 1972) u biex iżommu 'l bogħod mill-bastimenti tal-qlugħ li jipparteċipaw fir-regatta. Kwalunkwe struzzjoni maħruġa mill-Valletta Port Control (Valletta VTS) fuq VHF Channel 12 u/jew minn kwalunkwe aġenzija tal-infurzar fuq il-post għandhom jiġu mħarsa.

Charts affettwati: BA 211, 2537, 2538

It-2 ta' Diċembru, 2022

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 211 tal-2022

Avveniment tal-Għawm madwar Kemmuna

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta, jgħarraf lill-baħħara li nhar il-Ħamis, 8 ta' Diċembru, 2022, se jiġi organizzat avveniment tal-għawm madwar Kemmuna.

Il-parteċipanti se jitilqu minn Blue Lagoon, Kemmuna, punt A, kif jidher fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt), f'bejn wieħed u ieħor l-10.00 a.m. Huma għandhom jgħumu madwar Kemmuna fid-direzzjoni favur l-arloġġ skont it-tabella kif tidher fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt). L-għawwiema mistennija jaslu lura l-Blue Lagoon sas-2.00 p.m.

L-għawwiema parteċipanti se jsegwu r-rotta kif murija fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt) u se jkunu akkumpanjati minn kayaks u RHIBs.

Jekk minħabba kundizzjonijiet ħżiena tat-temp l-għawma ma tkunx tista' ssir fid-data msemmija hawn fuq, isir attentat ieħor biex l-għawma ssir nhar is-Sibt, 10 ta' Diċembru, 2022, fl-istess rotta u ħin.

Il-baħħara huma avżati biex joqogħdu attenti u jinnavigaw b'veloċità baxxa (mingħajr rima). Huma għandhom jikkoperaw mal-organizzaturi u jżommu 'l bogħod sew miż-żona matul id-dati u l-ħinijiet stipulati, u jagħtu lill-għawwiema spazju wiesa'.

Il-baħħara kollha għandhom josservaw kwalunkwe struzzjonijiet mogħtija fuq VHF Channel 12 u/jew 16, minn Valletta VTS u minn kwalunkwe uffiċjali tal-infurzar fuq il-post.

All vessels that are not involved in the regatta are to keep well clear of the competing boats and follow any instructions given by the race officials and support vessels.

Mariners are to note the above and are to give the area indicated a wide berth. They are further instructed to fully comply with Rule 18 (COLREGS 1972) and to 'keep out of the way' of the sailing vessels participating in the Regatta. Any instructions issued by Valletta Port Control (Valletta VTS) on VHF Channel 12 and/or by any enforcement agency on site, are to be complied with.

Charts affected: BA 211, 2537, 2538

2nd December, 2022

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 211 of 2022

Swimming Event round Comino

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners that a swimming event around Comino is being organised on Thursday, 8th December, 2022.

The participants will depart from the Blue Lagoon, Comino, point A, as shown on the chart found on Transport Malta website (www.transport.gov.mt), at approximately 10.00 a.m. They are to swim around Comino in a clockwise direction as per chart found on Transport Malta website (www.transport.gov.mt). The swimmers are expected to arrive back at Blue Lagoon by 2.00 p.m.

The participating swimmers will follow the route as shown on the chart found on Transport Malta website (www.transport.gov.mt) and will be accompanied by kayaks and RHIBs.

If due to adverse weather conditions the swim cannot be held on the above-mentioned date, the swim will be attempted on Saturday, 10th December, 2022, following the same route and at the same time.

Mariners are advised to keep a sharp lookout and navigate at slow speed (No Wake). They are to cooperate with the organisers and keep well clear of the area during the stipulated dates and times, giving the swimmers a wide berth.

All mariners are to comply with any instructions given on VHF Channel 12 and/or 16, by Valletta VTS and by any enforcement officials on site.

Charts affettwati: BA 211A, 2537 u 2538

It-2 ta' Diċembru, 2022

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 212 tal-2022

Emenda għal Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 133 tal-2022 dwar xogħol ta' tħejjija għat-tqegħid tal-High Voltage Shore Connection fil-Port il-Kbir

B'referenza għal Avviżi Lokali lill-Baħħara Nri 133 u 167 tal-2022.

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta, javża lill-baħħara u lis-sidien tal-bastimenti li x-xogħol tat-tħejjija mhux se jitlesta fiż-żmien kif ippjanat. Għalhekk id-data tat-tlestija qed tiġi estiża sal-Ħadd, 23 ta' April, 2023.

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 133 tal-2022 għandu jiġi emendat skont dan.

L-informazzjoni l-oħra kollha msemmija f'Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 133 tal-2022 se tibqa' valida.

Chart affettwata: BA 177

It-2 ta' Diċembru, 2022

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 213 tal-2022

Stħarriġ batimetriku 'l barra minn Pinto 4-5 u 'l barra minn Lascaris Wharf fil-Port il-Kbir

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta, jgħarraf lill-baħħara li se jsir stħarriġ batimetriku 'l barra minn Pinto 4-5 u 'l barra minn Lascaris Wharf fil-Port il-Kbir.

Jekk it-temp jippermetti, l-istħarriġ huwa ppjanat li jsir bejn it-Tnejn, 5 ta' Diċembru, 2022 u s-Sibt, 17 ta' Diċembru, 2022, fiż-żona ffurmata mil-linji immaġinarji A, B, C, D, E, F, G, H u x-xatt ta' bejniethom, kif muri fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt):

	Latitudni (T)	*Longitudni (L)*
A	35° 53'.508	014° 30'.602

Charts affected: BA 211A, 2537 and 2538

2nd December, 2022

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 212 of 2022

Amendment to Local Notice to Mariners No. 133 of 2022 regarding preparatory work for the laying of the High Voltage Shore Connection at the Grand Harbour

Reference is made to Local Notice to Mariners Nos 133 and 167 of 2022.

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners and owners of vessels that the preparatory work will not be completed within the time as planned. The completion date is therefore being extended to Sunday 23th April, 2023.

Local Notice to Mariners No .133 of 2022 is to be amended accordingly.

All the other information mentioned in Local Notice to Mariners No. 133 of 2022 will remain valid.

Chart affected: BA 177

2nd December, 2022

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 213 of 2022

Bathymetric survey off Pinto 4-5 and off Lascaris Wharf in the Grand Harbour

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners that a Bathymetric survey will be carried out off Pinto 4-5 and off Lascaris Wharf in the Grand Harbour.

Weather permitting, the survey is planned to be carried out between Monday, 5th December, 2022 and Saturday, 17th December, 2022, within the area formed by the imaginary lines A, B, C, D, E, F, G, H and the intermediate coastline, as shown on the chart found on Transport Malta website (www.transport.gov.mt):

	Latitude (N)	*Longitude (E)*
A	35° 53'.508	014° 30'.602

B	35° 53'.594	014° 30'.748
C	35° 53'.613	014° 30'.800
D	35° 53'.656	014° 30'.831
E	35° 53'.658	014° 30'.842
F	35° 53'.707	014° 30'.866
G	35° 53'.717	014° 30'.836

Qed jintalab spazju b'wisa' ta' 25m miż-żona, il-bastiment tal-istħarriġ se jkun qed itajjar il-Bandiera tal-Kodiċi Internazzjonali tas-Sinjali 'D' waqt l-istħarriġ.

Il-kaptani u l-operaturi tal-bastimenti huma avżati biex joqogħdu attenti, jinnavigaw b'kawtela u b'veloċità baxxa (mingħajr rima) meta jkunu fil-viċinanza, u għandhom jikkoperaw mal-kuntrattur fuq il-post.

Huma għandhom josservaw kwalunkwe struzzjonijiet mogħtija fuq VHF Channel 12 u/jew 16 minn Valletta VTS u minn kull uffiċjal tal-infurzar fuq il-post.

Chart affettwata: BA 177

It-2 ta' Diċembru, 2022

L-AĠENZIJA TAT-TEKNOLOĠIJA
TAL-INFORMATIKA TA' MALTA

Solutions Architect – Platform Engineering Services Team

Permess tal-Jobsplus 212/2017

MITA qed tfittex techie biex j/tingħaqad mal-Platform Engineering Services Team.

It-tim huwa responsabbli mit-titjib kontinwu u l-operat tal-infrastruttura tal-IT shared tal-Gvern li tinkludi pjattaforma tal-Hybrid Cloud (Azure u Azure stack) b'taħlita ta' IAAS u PAAS offerings, l-ekosistema tas-Server u Database tal-Gvern, soluzzjonijiet ta' storage u backup fuq livell ta' intrapriża u l-Government Directory Services, fost l-oħrajn.

Bħala Solutions Architect, il-kandidat/a magħżul/a ikun/tkun primarjament iffukat/a fuq magni tal-Microsoft SQL database u responsabbli mill-amministrazzjoni ta' databases MS SQL, soluzzjoni għal problemi ta' sitwazzjonijiet ta' operat, tnaqqis r-rikorrenza ta' inċidenti u proponimenti għal titjib fis-servizz.

MITA qed tfittex:

B	35° 53'.594	014° 30'.748
C	35° 53'.613	014° 30'.800
D	35° 53'.656	014° 30'.831
E	35° 53'.658	014° 30'.842
F	35° 53'.707	014° 30'.866
G	35° 53'.717	014° 30'.836

A wide berth of 25m from the area is being requested, the survey vessel will be displaying the International Code of Signals flag 'D' during the survey.

Masters and operators of vessels are advised to keep a sharp lookout, navigate with caution, and at slow speed (no wake) when in the vicinity, and they are to cooperate with the contractor on site.

They are to comply with any instructions given on VHF Channel 12 and/or 16 by Valletta VTS and by any enforcement personnel on site.

Chart affected: BA 177

2nd December, 2022

MALTA INFORMATION
TECHNOLOGY AGENCY

Solutions Architect – Platform Engineering Services Team

Jobsplus Permit 212/2017

MITA is looking for a techie to join our Platform Engineering Services Team.

The team is responsible for the continuous improvement and operation of the Government of Malta shared IT infrastructure which includes a Hybrid Cloud platform (Azure and Azure stack) with a mix of IaaS and PaaS offerings, the Government's Server and Database ecosystem, enterprise level storage and backup solutions, and the Government Directory Service, among others.

As a Solutions Architect, the chosen candidate will be primarily focused on Microsoft SQL database engines and responsible to administer MS SQL databases, troubleshoot operational issues, reduce the recurrence of incidents and propose service improvements.

MITA is looking for:

Esperjenza/kompetenzi f'3rd line engineering/operat/sysadmin;

Esperjenza/kompetenzi f'xogħol f'waħda jew aktar minn dawn it-teknoloġiji:

magni tad-database (bħal Microsoft SQL Server u MySQL);

sistemi tal-operat tas-Server (MS Windows/Linux);

infrastrutturi ta' hosting virtwali (Azure, Vmware, VEEAM backup, enterprise storage);

persuna interessata li takkwista tagħrif profond tal-esperjenza tal-pjattaforma tal-hybrid cloud – esperjenza bl-Azure/Azure stack setup titqies bħala vantaġġ;

persuna li tħobb tikteb il-code (bl-użu .Net, powershell, bash, python (jew b'xi programm ieħor familjari) u li taf tuża għodda tal-awtomizzazzjoni (bħal terraform u ansible) biex tmexxi infrastrutturi li huma skalabbi, ta' fiduċja u li jistgħu jiġu mantnuti.

Rekwiżiti tal-Eliġibbiltà

Il-kandidati eliġibbli għandu jkollhom waħda minn dawn il-kumbinazzjonijiet ta' kwalifiki u/jew esperjenza, relatata mal-ICT:

i) Kwalifika fl-ICT (Livell 7 tal-MQF jew ogħla); JEW

ii) Kwalifika fl-ICT (Livell 6 tal-MQF) U sena esperjenza f'qasam relatat mal-ICT; JEW

iii) Kwalifika fl-ICT (Livell 5 tal-MQF) U tliet snin esperjenza f'qasam relatat mal-ICT; JEW

iv) Kwalifika fl-ICT (Livell 4 tal-MQF) U erba' snin esperjenza f'qasam relatat mal-ICT; JEW

v) Ħames snin esperjenza f'qasam relatat mal-ICT.

Il-kwalifiki, esperjenza u kompetenzi tal-kandidati jiġu evalwati skont il-qafas tal-Career Progression tal-Aġenzija. Il-kandidat/a magħżul/a j/tista' tiġi ingaġġata jew f'Livell Standard – Livell ta' Karriera 4, jew f'Livell Senior – Livell ta' Karriera 5.

CV dettaljata għandha tintbagħat sa mhux aktar tard mit-Tnejn, 5 ta' Diċembru, 2022, lil (careers.mita@gov.mt).

It-2 ta' Diċembru, 2022

Previous experience/competencies in 3rd line engineering/operations/sysadmin;

Experience /competencies in working with one or more of the below technologies:

database engines (such as Microsoft SQL Server and MySQL);

server operating systems (MS Windows/Linux);

virtual hosting infrastructures (Azure, VMware, Veeam backup, enterprise storage);

someone interested in gaining a broad and deep level understanding of the hybrid cloud platform – experience with Azure/Azure stack setups is considered a bonus;

someone who likes to write code (using .Net, powershell, bash, python (or anything familiar) and use automation tools (such as terraform and ansible) to manage scalable, reliable and maintainable infrastructures.

Eligibility Requirements

Eligible candidates will hold either of the following combinations of qualifications and/or experience, related to ICT. Either:

i. An ICT degree (MQF Level 7 or higher); OR

ii. An ICT degree (MQF Level 6) AND 1 year experience in an ICT related area; OR

iii. An ICT diploma (MQF Level 5) AND 3 years' experience in an ICT related area; OR

iv. An ICT diploma (MQF Level 4) AND 4 years' experience in an ICT related area; OR

v. Five years' experience in an ICT related area.

Candidates' qualifications, experience, and competencies will be assessed in line with the Agency's Career Progression framework. Successful candidates may be engaged at either the Standard Level – Career Level 4, or the Senior Level – Career Level 5.

A detailed CV is to be sent by not later than Monday, 5th December, 2022, to (careers.mita@gov.mt)

2nd December, 2022

UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU

Post ta' Manager II (Project Management) fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

1. Id-Direttur (Finanzi u Amministrazzjoni), Uffiċċju tal-Prim Ministru, tilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' Manager II (Project Management) fid-Diviżjoni tal-Kordinazzjoni u l-Implimentazzjoni fi ħdan l-Uffiċċju tal-Prim Ministru.

Termini u Kundizzjonijiet

2.1 Din il-ħatra hija suġġetta għal perjodu ta' prova ta' tnax-il (12) xahar.

2.2 Waqt il-perjodu ta' prova, dawk appuntati jridu jkunu temmew b'suċċess kors ta' induzzjoni offrut mill-Istitut għas-Servizzi Pubbliċi sabiex ikunu eliġibbli għall-konferma tal-ħatra.

2.3 Is-salarju ta' Manager II (Project Management) huwa ta' Skala ta' Salarju 7, li fl-2022 huwa ta' €26,438 fis-sena, li jiżdied b'€531.17 fis-sena sa massimu ta' €29,625.

2.4 Persuna fil-grad ta' Manager II fi Skala ta' Salarju 7 titla' fi Skala ta' Salarju 6 (€28,132 x €596.33 - €31,710 fis-sena 2022) wara tliet (3) snin servizz bħala Manager II fi Skala ta' Salarju 7, jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

2.5 Il-persuni maħtura jkunu wkoll intitolati għal ħlas annwali marbut mal-prestazzjoni sa massimu ta' 15% tas-salarju bażiku tagħhom, marbut ma' xogħol sodisfaċenti u suġġett għall-politiki tal-amministrazzjoni ċentrali li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien.

2.6 L-aċċettazzjoni ta' ħatra f'dan il-grad tfisser li kwanlunkwe applikazzjoni pendenti fi ħdan is-Servizz Pubbliku awtomatikament titqies bħala rinunzjata, sakemm dawn tal-aħħar ma jkunux applikazzjonijiet għal pożizzjonijiet SAAC jew applikazzjonijiet għal pożizzjoni definita meta l-uffiċjal ikkonċernat ikollu ħatra indefinita.

2.7 Applikazzjonijiet laterali minn uffiċjali pubbliċi li diġà għandhom ħatra fl-istess grad li qiegħda tkun reklamata huma permessi biss jekk il-qasam ta' speċjalizzazzjoni tal-post vakanti huwa differenti minn dak tal-applikant u jeħtieġ kwalifika speċifika relatata bħala rekwiżit ta' eliġibbiltà, li l-applikant irid jissodisfa.

a. Il-persuni maħtura fil-flussi maniġerjali/ta' uffiċjal/prattikanti jridu jkunu servew fil-ħatra attwali tagħhom, u

OFFICE OF THE PRIME MINISTER

Post of Manager II (Project Management) in the Office of the Prime Minister

Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

1. The Director (Finance and Administration), Office of the Prime Minister invites applications for the post of Manager II (Project Management) in the Coordination and Implementation Division within the Office of the Prime Minister.

Terms and Conditions

2.1 This appointment is subject to a probationary period of twelve (12) months.

2.2 During the probationary/trial period, appointees must successfully complete appropriate induction programmes organised by the Institute for the Public Services to be eligible for confirmation of appointment.

2.3 The salary for the post of Manager II (Project Management) is Salary Scale 7, which in the year 2022 is €26,438 per annum, rising by annual increments of €531.17 up to a maximum of €29,625.

2.4 A Manager II in Salary Scale 7 will progress to Salary Scale 6 (€28,132 x €596.33 - €31,710 in 2022) on completion of three (3) years service as Manager II in Salary Scale 7, subject to satisfactory performance.

2.5 Appointees will also be entitled to the payment of an annual performance bonus of up to a maximum of 15% of their basic salary, subject to satisfactory performance and subject to Central Administration's policies in force from time to time.

2.6 Accepting appointment in this grade signifies that any pending applications within the Public Service are automatically considered renounced, unless the latter are applications for SAAC positions or applications for a definite position when the officer concerned holds an indefinite appointment.

2.7 Lateral applications by Public officers who already hold an appointment in the same grade being advertised are allowed only if the area of specialisation of the vacancy is different to the one held by the applicant and requires a specific related qualification as an eligibility requirement, which the applicant must satisfy.

a. Appointees within the managerial/officer/practitioners streams must have served in their current post, and are to

għandhom iservu f'din il-kariga għal minimu ta' sentejn (2) qabel ma japplikaw lateralment. Dan mhuwiex applikabbli għal skopijiet ta' promozzjoni, suġġett għall-kriterji ta' eliġibbiltà pertinenti.

Il-Kunsill Lokali Ħal Għargħur jgħarraf li nhar it-Tnejn, 5 ta' Diċembru, 2022, mid-9.30 a.m. sal-5.00 p.m., Triq il-Kbira se tkun magħluqa għat-traffiku. Ħadd ma jista' jipparkja f'din il-ġurnata matul dan il-ħin.

It-2 ta' Diċembru, 2022

ĦAL GĦARGĦUR LOCAL COUNCIL

Traffic and Parking Suspension

The Ħal Għargħur Local Council notifies that on Monday, 5th December, 2022, from 9.30 a.m. till 5.00 p.m., Triq il-Kbira will be closed for traffic. Parking of vehicles is not permitted during this day and times.

2nd December, 2022

KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

Sospensjoni ta' Traffiku u Parkeġġ

Il-Kunsill Lokali Ħal Għargħur jgħarraf li nhar it-Tlieta, 6 ta' Diċembru, 2022, mid-9.30 a.m. sas-2.30 p.m., Triq Fidiel Zarb se tkun magħluqa għat-traffiku. Ħadd ma jista' jipparkja f'din il-ġurnata matul dan il-ħin.

It-2 ta' Diċembru, 2022

KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

Sospensjoni ta' Traffiku u Parkeġġ

Il-Kunsill Lokali Ħal Għargħur jgħarraf li ħadd ma jista' jipparkja mis-Sibt, 3 ta' Diċembru, 2022, fis-7.00 a.m., sal-Ħadd, 4 ta' Diċembru, 2022, fis-7.00 p.m., minħabba l-Christmas Market li se jsir f'Misraħ il-Knisja, Triq San Nikola, Triq l-Oratorju, Triq Karmnu Zarb u Triq il-Kbira.

It-2 ta' Diċembru, 2022

KUNSILL LOKALI ĦAD-DINGLI

Laqgħa Ġenerali Annwali

Il-Kunsill Lokali Ħad-Dingli jgħarraf lill-pubbliku inġenerali li l-laqgħa ġenerali annwali se ssir nhar it-Tnejn, 12 ta' Diċembru, 2022, fis-7.00 p.m., fiċ-Ċentru tal-Komunità.

Il-Kunsill qed jistieden lil dawk il-persuni kollha li isimhom jidher fuq l-aħħar pubblikazzjoni tar-Reġistru Elettorali tal-Kunsilli Lokali, biex iressqu l-ilmenti u s-suġġerimenti tagħhom fir-rigward tar-Rapport Amministrattiv, Rapport Annwali u Pjan tan-Negozju.

It-2 ta' Diċembru, 2022

KUNSILL LOKALI ĦAL TARXIEN

Sospensjoni ta' Traffiku u Parkeġġ

Il-Kunsill Lokali Ħal Tarxien jgħarraf li nhar il-Ħamis, 8 ta' Diċembru, 2022, fit-termini tal-Avviż Legali 101/97, Triq Paola u Misraħ is-Suq se jiġu kklassifikati bħala Żoni ta' Rmonk u 'No Entry'.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kunsill Lokali Ħal Tarxien jgħarraf li kull moviment tat-traffiku (traġitt u parkeġġ) huwa pprojbit nhar tal-Ħamis, 8 ta' Diċembru, 2022, mis-6.00 a.m. sas-1.30 p.m., fi Triq Paola u Misraħ is-Suq.

It-2 ta' Diċembru, 2022

ĦAL GĦARGĦUR LOCAL COUNCIL

Traffic and Parking Suspension

The Ħal Għargħur Local Council notifies that on Tuesday, 6th December, 2022, from 9.30 a.m. till 2.30 p.m., Triq Fidiel Zarb will be closed for traffic. Parking of vehicles is not permitted during this day and times.

2nd December, 2022

ĦAL GĦARGĦUR LOCAL COUNCIL

Traffic and Parking Suspension

The Ħal Għargħur Local Council notifies that no parking is allowed from Saturday, 3rd December, 2022, at 7.00 a.m., till Sunday, 4th December, 2022, at 7.00 p.m. due to a Christmas Market event taking place in Misraħ il-Knisja, Triq San Nikola, Triq l-Oratorju, Triq Karmnu Zarb and Triq il-Kbira.

2nd December, 2022

ĦAD-DINGLI LOCAL COUNCIL

Annual General Meeting

The Ħad-Dingli Local Council notifies the general public that the Annual General Meeting is going to be held on Monday, 12th December, 2022, at 7.00 p.m., at the Community Centre.

The Council invites all those whose names appear on the latest Electoral Register for Local Councils to put forward any comments and suggestions with regards to the Administrative Report, Annual Report and Business Plan.

2nd December, 2022

ĦAL TARXIEN LOCAL COUNCIL

Suspension of Traffic and Parking

The Ħal Tarxien Local Council notifies that on Thursday, 8th December, 2022, in terms of Legal Notice 101/97, Triq Paola and Misraħ is-Suq are to be classified as Tow Zones and No Entry.

In virtue of Section 52(1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Ħal Tarxien Local Council notifies that all traffic movement (transit or parking) is prohibited on Thursday, 8th December, 2022, from 6.00 a.m. till 1.30 p.m., in Triq Paola and Misraħ is-Suq.

2nd December, 2022

KUNSILL LOKALI X-XEWKIJA

Sospensjoni ta' Traffiku u Parkeġġ

Il-Kunsill Lokali x-Xewkija jgħarraf lill-pubbliku li ħadd ma jista' jipparkja mit-Tnejn, 5 ta' Diċembru, 2022, mis-6.00 a.m. sa nofsinhar tat-Tnejn, 12 ta' Diċembru, 2022. Mhux permess li jsir parkeġġ fil-parti tan-nofs ta' Pjazza San Ġwann Battista.

Il-pjazza se tkun magħluqa għat-traffiku nhar il-Ġimgħa, 9 ta' Diċembru, 2022, mill-5.00 p.m. sa nofsillejl; nhar is-Sibt, 10 ta' Diċembru, 2022, mill-10.00 a.m. sa nofsillejl; u nhar il-Ħadd, 11 ta' Diċembru, 2022, mill-10.00 a.m. sad-9.00 p.m.

It-2 ta' Diċembru, 2022

XEWKIJA LOCAL COUNCIL

Traffic and Parking Suspension

The Xewkija Local Council notifies the general public that no parking is allowed on Monday, 5th December, 2022, from 6.00 a.m. till noon of Monday, 12th December, 2022. No parking is allowed in the middle part of Pjazza San Ġwann Battista.

The square will be closed for traffic on Friday, 9th December, 2022, from 5.00 p.m. till midnight; on Saturday, 10th December, 2022, from 10.00 a.m. till midnight; and on Sunday, 11th December, 2022, from 10.00 a.m. till 9.00 p.m.

2nd December, 2022

KUNSILL LOKALI L-IKLIN

Sospensjoni ta' Traffiku u Parkeġġ

Il-Kunsill Lokali l-Iklin jgħarraf nhar il-Ġimgħa, 9 ta' Diċembru, 2022, mis-6.30 p.m. sat-8.00 p.m., se jingħalqu Pjazza Ninu Cremona, Triq Anton Buttigieg, Triq Ċensu Busuttil, Triq Ġużè Galea, Triq Ġeronimo Abos, Triq Ċensu Bugeja, Triq Stefano Erardi, Triq il-Mużika, Triq Dott. Lewis F. Mizzi u Triq l-Iklin minħabba parata tal-Milied.

It-trasport pubbliku (Triq Ġeronimo Abos) jista' jkun affettwat.

L-għeluq tat-toroq għat-traffiku jsir skont il-bżonn.

It-2 ta' Diċembru, 2022

IKLIN LOCAL COUNCIL

Suspension of Traffic and Parking

The Iklin Local Council notifies that on Friday, 9th December, 2022, from 6.30 p.m. till 8.00 p.m., Pjazza Ninu Cremona, Triq Anton Buttigieg, Triq Ċensu Busuttil, Triq Ġużè Galea, Triq Ġeronimo Abos, Triq Ċensu Bugeja, Triq Stefano Erardi, Triq il-Mużika, Triq Dott. Lewis F. Mizzi u Triq l-Iklin will be closed due to a Christmas parade.

Public transport (Triq Ġeronimo Abos) may be affected.

Road closure will be done as required.

2nd December, 2022

KUNSILL LOKALI L-IKLIN

Laqgħa Annwali tal-Lokalità

Skont l-Artikolu 70 (1) tal-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363), il-Kunsill Lokali l-Iklin jgħarraf li se ssir laqgħa tal-lokalità nhar il-Ħamis, 22 ta' Diċembru, 2022, fis-6.30 p.m., fis-Sala tal-Kunsill fi Triq Dott. Lewis F. Mizzi, li fiha l-Kunsill se jikkunsidra l-estimi għas-sena finanzjarja li tkun ġejja, u li li għaliha jistgħu jattendu l-persuni li jidhru fir-Reġistru Elettorali għall-Kunsilli Lokali.

It-2 ta' Diċembru, 2022

IKLIN LOCAL COUNCIL

Annual Locality Meeting

In accordance to Article 70 (1) of the Local Council's Act (Cap. 363) the Iklin Local Council notifies that a locality meeting will be held on Thursday, 22nd December, 2022, at 6.30 p.m., at the Council Hall located at Triq Dott. Lewis F. Mizzi, in which the Council will be considering the financial estimates for the next financial year, and which is open to persons appearing in the Local Council's Electoral Register.

2nd December, 2022

KUNSILL LOKALI SANTA LUĊIJA

Laqgħa tal-Lokalità Annwali

Il-Kunsill Lokali Santa Luċija jgħarraf li skont l-Artikolu 70 (1) tal-Att dwar il-Kunsilli Lokali (Kap. 363), il-Kunsill Lokali Santa Luċija se jippreżenta l-Estimi Finanzjarji għas-

SANTA LUĊIJA LOCAL COUNCIL

Annual Locality Meeting

The Santa Luċija Local Council notifies that in accordance with Article 70 (1) of the Local Councils Act (Cap. 363), the Local Council's presentation of the Estimate

sena 2023 waqt il-Laqgħa Annwali li se ssir nhar il-Ħamis, 15 ta' Diċembru, 2022, fit-Tea Room, Ġnien tas-Serenità, Santa Luċija, fil-5.30 p.m.

Ir-residenti kollha li isimhom jidher fl-aħħar Reġistru Elettorali tal-lokalità huma mistiedna jattendu.

It-2 ta' Diċembru, 2022

KUNSILL LOKALI N-NADUR

Laqgħa Annwali tal-Lokalità

Skont l-Artikolu 70 (1) tal-Att dwar il-Kunsilli Lokali (Kap. 363), se ssir laqgħa pubblika annwali nhar l-Erbgħa, 7 ta' Diċembru, 2022, fid-9.30 a.m., li se tkun fis-sala tal-Kunsill tan-Nadur.

Ir-residenti li isimhom jidher fl-aħħar Reġistru Elettorali għall-Kunsill Lokali n-Nadur huma mħeġġa li jattendu u jipparteċipaw fid-diskussjoni. Il-parteċipanti jistgħu jressqu s-suġġerimenti tagħhom għall-kunsiderazzjoni tal-Kunsill.

It-2 ta' Diċembru, 2022

AWTORITÀ TAL-ARTIJIET

L-Uffiċjal Kap Eżekuttiv, Awtorità tal-Artijiet, jgħarraf li:

Offerti ssiġillati għall-avviżi li ġejjin għandhom jintefgħu fil-kaxxa tal-offerti tal-Awtorità tal-Artijiet, Berġa tal-Baviera, Il-Belt Valletta, sal-10.00 a.m. tal-Ġimgħa, 9 ta' Diċembru, 2022.

Avviż Nru. 122. Bejgħ tale quale tal-Fond f'Nru. 4, Flat Nru. 6, Triq il-Macerata, Il-Furjana, kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D.JO52_2008_A. L-arja ta' fuq din il-proprjetà mhijiex inkluża. Din il-proprjetà tinsab fi stat ta' bżonn ta' manutenzjoni immedjata. It-tiswijiet li għandhom bżonn isiru jridu jitħallsu minn min jirbaħ din l-offerta. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €14,406 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' tliet mija u għoxrin elf u tliet mija u tlettax-il ewro (€320,313) ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Avviż Nru. 123. Għotja b'ċens perpetwu revedibbli ta' Fond tale quale fl-istat li jinsab fih inkluż xi difetti li jista' jkun hemm moħbija, f'Nru. 64, Triq Għeriexem, Ir-Rabat, Malta, kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D.2013_192_B. Min jirbaħ l-offerta għandu ċans sabiex jifdi dan iċ-ċens matul l-ewwel ħmistax-il (15) sena wara reviżjoni skont ir-rata tal-inflazzjoni kif hemm spjegat bid-dettall fuq

Financial Budget 2023 will be held during the Annual Locality Meeting on Thursday, 15th December, 2022, at the Tea Room, Serenity Garden, Santa Luċija, at 5.30 p.m.

All residents whose names appear on the locality's Electoral Register are invited to attend.

2nd December, 2022

NADUR LOCAL COUNCIL

Annual Locality Meeting

In accordance with Article 70 (1) of the Local Council's Act (Cap. 363), the Nadur Local Council notifies that it will be holding its annual locality meeting on Wednesday, 7th December, 2022, at 9.30 a.m., at Nadur Local Council Hall.

All residents whose name appear in the last Local Council's Electoral Register are urged to attend and participate in this discussion. All those participating can put forward their suggestions for the Council's consideration.

2nd December, 2022

LANDS AUTHORITY

The Chief Executive Officer, Lands Authority, notifies that:

Sealed tenders in respect of the following advertisements have to be deposited in the tender box at the Lands Authority, Auberge de Baviere, Valletta, by 10.00am on Friday, 9th December, 2022.

Advt No. 122. Sale tale quale in its present state including any latent defects of the Premises at No. 4, Flat No. 6, Triq il-Macerata, Floriana, as shown edged in red on the plan P.D.JO52_2008_A. The airspace is not included. This property is in a derelict state and in need of immediate attention. The repairs required are to be paid for by the sucessful bidder Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €14,406 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of three hundred and twenty thousand and three hundred and thirteen euro (€320,313) will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender documents.

Advt No. 123. Grant on a perpetual revisable emphyteusis of the Premises tale quale its present state including any latent defects at No. 64, Triq Gheriexem, Rabat, Malta, as shown edged in red on the plan P.D.2013_192_B. The winning bidder has the chance to redeem this emphyteusis within the first fifteen (15) years after a revision according to the rate of inflation as explained in detail in the emphyteutical conditions.

il-kundizzjonijiet taċ-ċens. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €50,000 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' sittax-il elf u seba' mitt ewro (€16,700) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Dawn l-avviżi qegħdin jiġu ppubblikati bħala stedina għall-pubbliku sabiex jakkwista d-dokumenti tal-offerta online. L-offerenti għandhom jirreferu għall-kundizzjonijiet kollha tad-dokument tal-offerta u huma mitluba li jaqraw sew dawn id-dokumenti. L-offerti għandhom isiru biss fuq il-formola preskritta, li flimkien mal-kundizzjonijiet rilevanti u dokumenti oħra jistgħu jinkisbu billi tagħżel 'Buy Tender' fuq il-paġna ta' dawn L-offerti fis-sit (https://landsauthority.org.mt/services/tendering/). Il-ħlas ta' ħamsin ewro (€50) għandu jsir permezz tas-sistema online tas-sit tal-Awtorità tal-Artijiet.

It-2 ta' Diċembru, 2022

Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €50,000 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of sixteen thousand and seven hundred euro (€16,700) per annum will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender documents.

These adverts are being published as an invitation to the public to acquire tender documents online. The bidders are to refer to all the conditions of the tender document and are invited to carefully read these conditions. Tenders should be submitted only on the prescribed form, which together with the relevant conditions and other documents, may be obtained by clicking on 'Buy Tender' on the webpage where these tenders are available on (https://landsauthority.org.mt/services/tendering/). A fee of fifty euro (€50) must be paid through the online system of the Lands Authority website.

2nd December, 2022

KUNSILL MALTI GĦAS-SETTUR TAL-VOLONTARJAT

Il-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat jgħarraf li 'Din l-Art Ħelwa' qiegħda tħabbar pubblikazzjoni għal sejħa għal offerta:

Referenza tal-Proġett VOPS 10.2022

'Din l-Art Ħelwa' teħtieġ l-offerti għal servizzi ta' disinn u l-iżvilupp ta' pjattaforma ta' oġġezzjonijiet, konsulenza ta' GDPR u kampanja ta' marketing fuq il-midja soċjali, bħala parti mill-VOPS 10.2022 'DLHAlert'.

Għal aktar speċifikazzjonijiet, dawk interessati huma mitluba jibagħtu ittra elettronika lil (admin@dinlarthelwa.org).

L-offerta tagħlaq nhar il-Ġimgħa, 23 ta' Diċembru, 2022.

Dan il-proġett ġie ffinanzjat permezz tal-Voluntary Organisations Project Scheme amministrat mill-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat.

It-2 ta' Diċembru, 2022

MALTA COUNCIL FOR THE VOLUNTARY SECTOR

The Malta Council for the Voluntary Sector notifies that 'Din l-Art Ħelwa' is requesting the call for tender:

Project Reference VOPS 10.2022

'Din l-Art Ħelwa' needs the services tender for the design and development of an objections platform, GDPR audit and social media marketing campaign, as part of the VOPS 10.2022 'DLHAlert'.

For further specifications, prospective bidders are invited to send email to (admin@dinlarthelwa.org).

Deadline for submissions is Friday, 23rd December, 2022.

This project has been funded through the Voluntary Organisations Project Scheme managed by the Malta Council for the Voluntary Sector.

2nd December, 2022

MALTA FOOD AGENCY

MFA/SM/01/2022

Il-Kap Eżekuttiv, Malta Food Agency, jinnotifika li tenders se jiġu milqugħa sa nofsinhar tal-Ġimgħa, 16 ta' Diċembru, 2022.

MALTA FOOD AGENCY

MFA/SM/01/2022

The Chief Executive Officer, Malta Food Agency, notifies that tenders will be received till noon of Friday, 16th December, 2022.

Espressjoni ta' Interess għal spazji ta' parkeġġ għall-vetturi fil-parametri tal-Pitkalija.

It-tenders kollha ijridu jkunu waslu sad-data u l-ħin stipulat u depożitati fil-kaxxa tat-tenders fl-uffiċini tal-Malta Food Agency, Ta' Qali Fruit and Vegetables Market, Triq il-Pitkali, Ta' Qali, limiti ta' Ħ'Attard ATD 4000.

Id-dokument tat-tender jista' jinġabar b'xejn mill-uffiċini tal-Malta Food Agency, Ta'Qali Fruit and Vegetables Market, Triq il-Pitkali, Ta' Qali, limiti ta' Ħ'Attard ATD 4000. Indirizz elettroniku: (mfaprocurement@gov.mt)

It-2 ta' Diċembru, 2022

MALTA FOOD AGENCY

MFA/SM/02/2022

Il-Kap Eżekuttiv, Malta Food Agency, jinnotifika li tenders se jiġu milqugħa sa nofsinhar tal-Ġimgħa, 16 ta' Diċembru, 2022.

Espressjoni ta' interess – vending machines

It-tenders kollha jridu jkunu waslu sad-data u l-ħin stipulat u depożitati fil-kaxxa tat-tenders fl-uffiċini tal-Malta Food Agency, Ta' Qali Fruit and Vegetables Market, Triq il-Pitkali, Ta' Qali, limits of Ħ'Attard ATD 4000.

Id-dokument tat-tender jista' jinġabar b'xejn mill-uffiċini tal-Malta Food Agency, Ta'Qali Fruit and Vegetables Market, Triq il-Pitkali, Ta' Qali, limiti ta' Ħ'Attard ATD 4000. Indirizz elettroniku: (mfaprocurement@gov.mt)

It-2 ta' Diċembru, 2022

CENTRAL PROCUREMENT u SUPPLIES UNIT

Id-Direttur Maniġerjali (Procurement and Supplies), Ministeru għas-Saħħa, jgħarraf illi:

Jintlaqgħu offerti elettroniċi rigward l-avviżi li ġejjin sad-9.30 a.m. tal-Ħamis, 5 ta' Jannar, 2023. L-offerti għandhom jintbagħtu BISS online fuq (www.etenders.gov.mt) għal:

CFT 020-1470/22. Provvista ta' 'total spine surgery system – pay per use'

CFT 020-1471/22. Provvista ta' 'platelet aggregometer reagents with consumables'

CFT 021-1472/22. Provvista ta' 'Mianserin 30mg tablets'

CFT 020-1473/22. Provvista ta' diversi 'stoma items D'

CFT 020-1474/22. Provvista ta' sistema ta' 'airtight bag' għal-Laboratorju tal-Batterjoloġija

CFT 021-1475/22. Provvista ta' 'Digoxin antibodies'

Expression of interest for parking spaces of vehicles within the Pitkalija perimeters.

All tenders must be received by date and time indicated and deposited in the tender box at the Malta Food Agency's at Ta'Qali Fruit and Vegetables Market, Triq il-Pitkali, Ta' Qali, limits of Ħ'Attard ATD 4000.

Tender documents can be collected free of charge from the Malta Food Agency at Ta' Qali Fruit and Vegetables Market, Triq il-Pitkali, Ta' Qali, limits of Ħ'Attard ATD 4000. Email: (mfaprocurement@gov.mt)

2nd December, 2022

MALTA FOOD AGENCY

MFA/SM/02/2022

The Chief Executive Officer, Malta Food Agency, notifies that tenders will be received till noon of Friday, 16th December, 2022.

Expression of interest for vending machines

All tenders must be received by date and time indicated and deposited in the tender box at the Malta Food Agency at Ta'Qali Fruit and Vegetables Market, Triq il-Pitkali, Ta' Qali, limits of Ħ'Attard ATD 4000.

Tender documents can be collected free of charge from the Malta Food Agency at Ta'Qali Fruit and Vegetables Market, Triq Pitkali, Ta' Qali, limits of Ħ'Attard ATD 4000. Email: (mfaprocurement@gov.mt)

2nd December, 2022

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The Managing Director (Procurement and Supplies), Ministry for Health, notifies that:

Electronic tenders in respect of the following notices will be received till 9.30 a.m. of Thursday, 5th January, 2023. Tenders are to be submitted ONLY online on (www.etenders.gov.mt) for:

CFT 020-1470/22. Supply of total spine surgery system – pay per use

CFT 020-1471/22. Supply of platelet aggregometer reagents with consumables

CFT 021-1472/22. Supply of Mianserin 30mg tablets

CFT 020-1473/22. Supply of various stoma items D

CFT 020-1474/22. Supply of airtight bag system for Bacteriology Laboratory

CFT 021-1475/22. Supply of Digoxin antibodies

CFT 020-1476/22. Provvista ta' 'pressure infuser bags

CFT 021-1477/22. Provvista ta' 'Warfarin 1mg/ml oral suspension'

CFT 020-1478/22. Provvista ta' 'visibility tinted contact lenses'

CFT 021-1479/22. Provvista ta' 'Adrenaline 1 in 10,000 injections'

CFT 009-1480/22. Provvista ta' 'LED downlighters'

CFT 009-1481/22. Provvista ta' 'bariatric wheelchairs'

CFT 021-1482/22. Provvista ta' 'Octreotide 10mg injections'

CFT 021-1483/22. Provvista ta' 'Amiodarone hydrochloride 150mg injections'

CFT 021-1484/22. Provvista ta' 'Doxazosin 4mg tablets'

CFT 021-1485/22. Provvista ta' 'fibrin sealant'

CFT 021-1486/22. Provvista ta' 'Digoxin 62.5micrograms tablets'

CFT 026-1487/22. Kiri ta' post f'Birżebbuġa biex jospita klinika tal-komunità għas-Saħħa tal-Kura Primarja fi ħdan il-Ministeru għas-Saħħa

Id-dokument tal-offerta huwa mingħajr ħlas.

Id-dokumenti tal-offerti jinkisbu biss mill-Electronic Public Procurement System (www.etenders.gov.mt). Ir-reġistrazzjoni hija meħtieġa sabiex ikun jista' jintuża s-sit elettroniku. Operaturi ekonomiċi Maltin għandu jkollhom l-eID tal-organizzazzjoni tagħhom sabiex ikunu jistgħu jidħlu f'dan is-sit elettroniku. Aktar tagħrif jinkiseb mis-sezzjoni tal-FAQ tal-istess sit.

Il-pubbliku jista' jattendi waqt il-ftuħ u l-iskedar tal-offerti fil-ħinijiet u d-dati msemmija hawn fuq.

It-2 ta' Diċembru, 2022

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Id-Direttur Maniġerjali (Sourcing u Supplies Chain Management) għas-Central Procurement and Supplies Unit fil-Ministeru għas-Saħħa, jgħarraf illi:

Jintlaqgħu sottomissjonijiet elettroniċi għal Preliminary Market Consultation (PMC) rigward l-avviż li ġej sal-10.00 a.m. tal-Ġimgħa, 6 ta' Jannar, 2023.

PMC Ref. Nru. 001-7002/22 – CPSU 2139/2022. Provvista ta' 'training needs analysis' għad-Diviżjoni tal-People Management f'isem il-ħaddiema tas-servizzi pubbliċi kliniċi u mhux kliniċi fil-Ministeru għas-Saħħa.

Id-dokumenti tal-Preliminary Market Consultation jinkisbu mingħajr ħlas u l-informazzjoni għandha tintbagħat BISS online fuq (www.etenders.gov.mt).

It-2 ta' Diċembru, 2022

CFT 020-1476/22. Supply of pressure infuser bags

CFT 021-1477/22. Supply of Warfarin 1mg/ml oral suspension

CFT 020-1478/22. Supply of visibility tinted contact lenses

CFT 021-1479/22. Supply of Adrenaline 1 in 10,000 injections

CFT 009-1480/22. Supply of LED downlighters

CFT 009-1481/22. Provision of bariatric wheelchairs

CFT 021-1482/22. Supply of Octreotide 10mg injections

CFT 021-1483/22. Supply of Amiodarone hydrochloride 150mg injections

CFT 021-1484/22. Supply of Doxazosin 4mg tablets

CFT 021-1485/22. Supply of fibrin sealant

CFT 021-1486/22. Supply of Digoxin 62.5micrograms tablets

CFT 026-1487/22. Leasing of premises in Birżebbuġa to House a community clinic for the Primary Health Care within the Ministry of Health

This tender document is free of charge.

Tender documents are only obtainable from the Electronic Public Procurement System (www.etenders. gov.mt). Registration is required in order to make use of this website. Maltese economic operators need to be in possession of their organisation eID in order to access this website. More information is available from the FAQ section of the same website.

The public may attend during the opening and scheduling of tenders at the times and dates specified above.

2nd December, 2022

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The Managing Director (Sourcing and Supplies Chain Management) for the Central Procurement and Supplies Unit within the Ministry for Health notifies that:

Electronic submission of information for Preliminary Market Consultation (PMC) in respect of the following notice will be received up to 10.00 a.m. of Friday, 6th January, 2023.

PMC Ref. No. 001-7002/22 – CPSU 2139/2022. Provision of a training needs analysis for the people management division on behalf of all clinical and non-clinical public services employees within the Ministry for Health.

Preliminary Market Consultation documents are available free of charge and information is to be submitted ONLY online on (www.etenders.gov.mt).

2nd December, 2022

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Is-CEO (Procurement u Supplies), Ministeru għas-Saħħa, jgħarraf illi sottomissjonijiet għas-sejħa kompetittiva ERU bir-referenza ERU Ref. Nru. 0112U22ABCDEF jintlaqgħu sa nofsinhar tat-Tlieta, 6 ta' Diċembru, 2022.

Sejħiet kompetittivi tal-Emergency Response Unit (ERU) jistgħu jitniżżlu mis-sit elettroniku tas-CPSU.

Sottomissjonijiet għal din is-sejħa kompetittiva jistgħu jintbagħtu BISS b'ittra elettronika lil (emergency.procurement-unit.cpsu@gov.mt).

It-2 ta' Diċembru, 2022

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The CEO for the Central Procurement and Supplies Unit within the Ministry for Health notifies that submissions for the ERU competitive call with reference ERU Ref. No. 0112U22ABCDEF will be received up to noon on Tuesday, 6th December, 2022.

Emergency Response Unit (ERU) competitive calls can be downloaded from the CPSU website.

Submissions for this call for competition are to be sent ONLY via email (emergency.procurement-unit.cpsu@gov.mt).

2nd December, 2022

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Is-CEO (Procurement u Supplies), Ministeru għas-Saħħa, jgħarraf illi sottomissjonijiet għas-sejħa kompetittiva ERU bir-referenza ERU Ref. Nru. 0212U22ABCDEF jintlaqgħu sa nofsinhar tal-Ħamis, 7 ta' Diċembru, 2022.

Sejħiet kompetittivi tal-Emergency Response Unit (ERU) jistgħu jitniżżlu mis-sit elettroniku tas-CPSU.

Sottomissjonijiet għal din is-sejħa kompetittiva jistgħu jintbagħtu BISS b'ittra elettronika lil (emergency.procurement-unit.cpsu@gov.mt).

It-2 ta' Diċembru, 2022

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The CEO for the Central Procurement and Supplies Unit within the Ministry for Health notifies that submissions for the ERU competitive call with reference ERU Ref. No. 0212U22ABCDEF will be received up to noon on Thursday, 7th December, 2022.

Emergency Response Unit (ERU) competitive calls can be downloaded from the CPSU website.

Submissions for this call for competition are to be sent ONLY via email (emergency.procurement-unit.cpsu@gov.mt).

2nd December, 2022

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Is-CEO (Procurement u Supplies), Ministeru għas-Saħħa, jgħarraf illi sottomissjonijiet għas-sejħa kompetittiva ERU bir-referenza ERU Ref. Nru. 0512U22ABCDEF jintlaqgħu sa nofsinhar tas-Sibt, 9 ta' Diċembru, 2022.

Sejħiet kompetittivi tal-Emergency Response Unit (ERU) jistgħu jitniżżlu mis-sit elettroniku tas-CPSU.

Sottomissjonijiet għal din is-sejħa kompetittiva jistgħu jintbagħtu BISS b'ittra elettronika lil (emergency.procurement-unit.cpsu@gov.mt).

It-2 ta' Diċembru, 2022

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The CEO for the Central Procurement and Supplies Unit within the Ministry for Health notifies that submissions for the ERU competitive call with reference ERU Ref. No. 0512U22ABCDEF will be received up to noon on Saturday, 9th December, 2022.

Emergency Response Unit (ERU) competitive calls can be downloaded from the CPSU website.

Submissions for this call for competition are to be sent ONLY via email (emergency.procurement-unit.cpsu@gov.mt).

2nd December, 2022

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Is-CEO (Procurement u Supplies), Ministeru għas-Saħħa, jgħarraf illi sottomissjonijiet għas-sejħa kompetittiva ERU bir-referenza ERU Ref. Nru. 0612U22ABCDEF jintlaqgħu sa nofsinhar tat-Tnejn, 12 ta' Diċembru, 2022.

Sejħiet kompetittivi tal-Emergency Response Unit (ERU) jistgħu jitniżżlu mis-sit elettroniku tas-CPSU.

Sottomissjonijiet għal din is-sejħa kompetittiva jistgħu jintbagħtu BISS b'ittra elettronika lil (emergency.procurement-unit.cpsu@gov.mt).

It-2 ta' Diċembru, 2022

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The CEO for the Central Procurement and Supplies Unit within the Ministry for Health notifies that submissions for the ERU competitive call with reference ERU Ref. No. 0612U22ABCDEF will be received up to noon on Monday, 12th December, 2022.

Emergency Response Unit (ERU) competitive calls can be downloaded from the CPSU website.

Submissions for this call for competition are to be sent ONLY via email (emergency.procurement-unit.cpsu@gov.mt).

2nd December, 2022

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Is-CEO (Procurement u Supplies), Ministeru għas-Saħħa, jgħarraf illi sottomissjonijiet għas-sejħa kompetittiva ERU bir-referenza ERU Ref. Nru. 0712U22ABCDEF jintlaqgħu sa nofsinhar tal-Erbgħa, 14 ta' Diċembru, 2022.

Sejħiet kompetittivi tal-Emergency Response Unit (ERU) jistgħu jitniżżlu mis-sit elettroniku tas-CPSU.

Sottomissjonijiet għal din is-sejħa kompetittiva jistgħu jintbagħtu BISS b'ittra elettronika lil (emergency.procurement-unit.cpsu@gov.mt).

It-2 ta' Diċembru, 2022

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The CEO for the Central Procurement and Supplies Unit within the Ministry for Health notifies that submissions for the ERU competitive call with reference ERU Ref. No. 0712U22ABCDEF will be received up to noon on Wednesday, 14th December, 2022.

Emergency Response Unit (ERU) competitive calls can be downloaded from the CPSU website.

Submissions for this call for competition are to be sent ONLY via email (emergency.procurement-unit.cpsu@gov.mt).

2nd December, 2022

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Is-CEO (Procurement u Supplies), Ministeru għas-Saħħa, jgħarraf illi sottomissjonijiet għas-sejħa kompetittiva ERU bir-referenza ERU Ref. Nru. 0912U22ABCDEF jintlaqgħu sa nofsinhar tal-Ħamis, 15 ta' Diċembru, 2022.

Sejħiet kompetittivi tal-Emergency Response Unit (ERU) jistgħu jitniżżlu mis-sit elettroniku tas-CPSU.

Sottomissjonijiet għal din is-sejħa kompetittiva jistgħu jintbagħtu BISS b'ittra elettronika lil (emergency.procurement-unit.cpsu@gov.mt).

It-2 ta' Diċembru, 2022

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The CEO for the Central Procurement and Supplies Unit within the Ministry for Health notifies that submissions for the ERU competitive call with reference ERU Ref. No. 0912U22ABCDEF will be received up to noon on Thursday, 15th December, 2022.

Emergency Response Unit (ERU) competitive calls can be downloaded from the CPSU website.

Submissions for this call for competition are to be sent ONLY via email (emergency.procurement-unit.cpsu@gov.mt).

2nd December, 2022

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Is-CEO (Procurement u Supplies), Ministeru għas-Saħħa, jgħarraf illi sottomissjonijiet għas-sejħa kompetittiva ERU bir-referenza ERU Ref. Nru. 1212U22ABCDEF jintlaqgħu sa nofsinhar tal-Ġimgħa, 16 ta' Diċembru, 2022.

Sejħiet kompetittivi tal-Emergency Response Unit (ERU) jistgħu jitniżżlu mis-sit elettroniku tas-CPSU.

Sottomissjonijiet għal din is-sejħa kompetittiva jistgħu jintbagħtu BISS b'ittra elettronika lil (emergency.procurement-unit.cpsu@gov.mt).

It-2 ta' Diċembru, 2022

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The CEO for the Central Procurement and Supplies Unit within the Ministry for Health notifies that submissions for the ERU competitive call with reference ERU Ref. No. 1212U22ABCDEF will be received up to noon on Friday, 16th December, 2022.

Emergency Response Unit (ERU) competitive calls can be downloaded from the CPSU website.

Submissions for this call for competition are to be sent ONLY via email (emergency.procurement-unit.cpsu@gov.mt).

2nd December, 2022

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

2230

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim' Awla, fit-08 ta' Novembru 2022, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat Nru 557/2022TA, li ġie ppreżentat fl-24 ta' Ġunju 2022, fl-ismijiet: Creative Refurbishing Centre (Malta) Ltd Vs Tanti Emanuel sive Noel et ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187(3) et seq. tal-Kap 12 biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat. Ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex fost oħrajn: Tikkundanna lill-konvenuti jħallsu lill-attriċi l-imsemmi ammont ta' tlieta u ħamsin elf, ħames mija u erba' u għoxrin ewro u ħamsa u erbgħin ċenteżmu (€53,524, 45ċ), jew kwalsiasi somma oħra verjuri. Bl-ispejjeż ġudizzjarji kollha u bl-interessi ta' tmienja fil-mija (8%), skont il-liġi, kontra l-istess konvenuti, li huma minn issa msejħa għas-subizzjoni tagħhom.

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet imsemmi hawn fuq huwa differit 7 ta' Diċembru, 2022 fl-9.45 a.m.

Notifika Intimat: Tanti Emanuel sive Noel et, 25, Rosebud, Triq il-Qronfol, San Ġwann.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum, 28 ta' Novembru, 2022.

CARMEL ABELA. M.SC. IN MANAGEMENT. D.P.A; DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree issued by the Civil Court, First Hall, on 8th November 2022, in the acts of the Sworn Application No. 557/2022TA, which was presented on 24th June 2022, in the names: Creative Refurbishing Center (Malta) Ltd Vs Tanti Emanuel sive Noel et the following publication was ordered, pursuant to Article 187(3) et seq. of Chapter 12 to serve as a notification against the respondent. The applicant asked this Honorable Court to, among others: To condemn the defendants to pay the plaintiff the said amount of fifty-three thousand, five hundred and twenty-four euros and forty-five cents (€53,524, 45c). With all the judicial costs and with the interests of eight percent (8%), according to the law, against the same defendants, who are now summoned so that a reference to their evidence be made.

The Sworn Application in the names mentioned above is postponed 7th December, 2022 at 9.45 a.m.

Notification Respondent: Tanti Emanuel sive Noel et, 25, Rosebud, Triq il-Qronfol, San Gwann.

Register of the Superior Courts, today, 28th November, 2022.

CARMEL ABELA. M.Sc. IN MANAGEMENT. D.P.A.; DIP. LAWS OF PROCEDURE. (MELIT.)
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2231

Permezz ta' digriet mogħti fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-7 ta' Novembru, 2022, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 2902/2022, fl-ismijiet Gasanmamo Insurance Limited vs Esther Mifsud, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex

It is hereby notified that the First Hall of Civil Courts by means of a decree given on the 7th November, 2022, in the records of the judicial letter number 2902/2022, in the names GasanMamo Insurance Limited vs Esther Mifsud, ordered

isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimata Esther Mifsud, a tenur tal-artikolu 187(3) tal-Kap 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

Illum 6 ta' Lulju, 2022

Lil Esther Mifsud (KI 269674M) ta' 25, Corazon Sagrado, Triq Sant'Antnin, il-Ħamrun.

Bil-preżenti GasanMamo Insurance Limited (C-3143) ta' Msida Road, Gżira filwaqt li tagħmel referenza għall-inċident awtomobilistiku illi seħħ fid-19 ta' Marzu, 2022 fi Triq in-Naxxar, Birkirkara, u illi fih inti kont involuta waqt illi kont qiegħda ssuq il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni ECB 925, assigurata mas-soċjetà mittenti GasanMamo Insurance Limited di proprjetà tiegħek stess, tirrileva għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Liġi illi inti ma' kontx koperta mill-polza ta' assigurazzjoni relattiva stante ksur ċar ta' varji kundizzjonijiet fl-istess polza fosthom il-fatt illi jirriżulta ċar illi inti kont fi stat ta' inebriezza fil-ħin tal-inċident de quo, u dana mingħajr pregudizzju għal kull ksur ieħor tal-kundizzjonijiet tal-polza relattiva illi jista eventwalment jirriżulta.

Illi għalhekk inti qiegħed tiġi formalment imwissija illi s-soċjetà mittenti GasanMamo Insurance Limited tiġi obbligata illi teffettwa xi pagamenti għan-nom tiegħek, ai termini tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta, hija qiegħda minn issa tirriżerva l-pożizzjoni tagħha fil-konfront tiegħek skont il-Liġi u dan sabiex eventwalment hija tipproċedi fil-konfront tiegħek għall-irkupru tal-ammonti kollha illi hija tista' tiġi obbligata illi tħallas favur terzi in konnessjoni ma' dan il-każ u dan oltre għall-ispejjeż u interessi skont il-Liġi.

Dina l-ittra uffiċjali qiegħda ssir għall-finijet u l-effetti kollha tal-Liġi u senjatament iżda mhux limitatament ai termini tal-Kap 12, il-Kap 16 u l-Kap 104 tal-Liġijiet ta' Malta.

Tant sabiex tagħraf tirregola ruħek.

Bl-ispejjeż.

Reġistru Qrati Superjuri illum 25 ta' Novembru, 2022.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

the following publication for the purpose of effecting service on the respondent Esther Mifsud, in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

In the First Hall of the Civil Court

Today 6th July, 2022

To Esther Mifsud (ID 269674M) of 25, Corazon Sagrado, Triq Sant'Antnin, Ħamrun.

By means of this present GasanMamo Insurance Limited (C-3143) of Msida Road, Gzira makes reference to the car accident that occured on the 19th March, 2022 in Triq in-Naxxar, Birkirkara, where you were involved whilst you were driving the vehicle with registration number ECB 925, insured by the interpellant company GasanMamo Insurance Limited of your own property, submits for all intents and purposes at law that you were not covered by the relative insurance policy due to a clear breach of conditions in the same policy including the fact that it turns out that you were in a state of inebriation at the time of the accident de quo and this without prejudice to any other breach of conditions of the relative policy which may eventually result.

Therefore you are formally warned that in case the interpellant company GasanMamo Insurance Limited is obliged to make any payment on your behalf, in terms of Chapter 104 of the Laws of Malta, it is now reserving its position against you according to Law and so that eventually it shall proceed against you for the recovery of all amounts paid in connection with this case, and this in addition of all judicial costs and interest according to Law.

This judicial letter is being made for all purposes and effects of Law and especially but not limited to in terms of Chapter 12, Chapter 16 and Chapter 104 of the Laws of Malta.

So much so that you know how to regulate yourself.

With costs.

Registry of the Superior Courts today, 25th November, 2022.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2232

ARB/C081/2022 – ORDNI TA' QBID U FFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fis-26 ta' Settembru, 2022, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

ARB/C081/2022 – SEIZING AND FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 26th September, 2022, given by the Court of Magistrates (Malta)

bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dott. Donatella Frendo Dimech, LLD). Kumpilazzjoni Numru 492/2022, fil-kawża fl-ismijiet:

Ir-Repubblika ta' Malta

Kontra

MARY THERESA ATTARD, mara tad-dar, ta' 61 sena, bint il-mejjet Laurence Zammit u Joan Zammit xebba Bezzina, imwielda Ħaż-Żebbuġ, Malta, fil-21 ta' Frar, 1961, u residenti ġewwa 'Attard House', Sqaq il-Qenċ, Ħaż-Żebbuġ, Malta, u detentriċi ta' karta tal-identità Maltija bin-numru 246561M.

U

JESSICA SCIBERRAS AZZOPARDI, accounts associate, ta' 28 sena, bint Simon Sciberras u l-mejta Joseanne sive Josephine Anne Azzopardi, imwielda Tal-Pietà, Malta, fis-7 ta' Jannar, 1994, u residenti ġewwa Court B, Flat 7, Triq il-Villeġġatura, San Pawl il-Baħar, u/jew 'Attard House', Sqaq il-Qenċ, Ħaż-Żebbuġ, Malta, u detentriċi ta' karta tal-identità Maltija bin-numru 28694M.

ORDNAT iż-żamma u s-sekwestru f'idejn partijiet terzi b'mod ġenerali l-flus u kull proprjetà mobbli oħra dovuta jew li tappartjeni jew li hija ta' MARY THERESA ATTARD u JESSICA SCIBERRAS AZZOPARDI, u tipprojbixxi lill-imputati milli jittrasferixxu, jagħtu b'rahan, iwiegħdu, jipotekaw jew jibdlu jew xort'oħra jiddisponu minn kwalunkwe proprjetà immobbli jew mobbli li tkun proprjetà ta' jew inkella miżmuma minnhom, u dan ai termini tal-Artikolu 5 tal-Att kontra Money Laundering, Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta kif reż applikabbli bl-Artikolu 23A(2) tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-Artikolu 36 tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità, Kap. 621 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti AWTORIZZAT lill-imputati li jirċievu l-ammont ta' tlettax-il elf disa' mija u sitta u sebgħin ewro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (€13,976.24) fis-sena (jew sitt mitt euro (€600) kull ħmistax-il (15) ġurnata), minn fejn għandhom jiġu speċifikati liema flejjes jistgħu jitħallsu jew jiġu rċevuti mill-imputati matul is-sussistenza ta' din l-ordni, ossija s-sors, il-mod u l-modalitajiet l-oħra tal-ħlas inklużi salarju, paga, pensjoni u/jew benefiċċji tas-sigurtà soċjali. B'dan illi kull entità finanzjarja hija ordnata li b'nota tinforma l-Qorti f'liema kont jew minn liema kont ikunu qed jiġu rċevuti l-istess flejjes.

Kull persuna li tagħmel xi ħaġa bi ksur tal-ordni tal-Qorti msemmi fl-Artikolu 5 u fl-Artikolu 36 tkun ħatja ta' reat u teħel meta tinstab ħatja multa ta' mhux iżjed minn tnax-il elf ewro (€12,000) jew priġunerija għal żmien ta' mhux

as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Donatella Frendo Dimech, LLD). Compilation Number 492/2022, in the case:

The Republic of Malta

Versus

MARY THERESA ATTARD, housewife, 61 years, daughter of the late Laurence Zammit and Joan Zammit née Bezzina, born in Ħaż-Żebbuġ, Malta, on the 21st February, 1961, and residing at 'Attard House', Sqaq il-Qenċ, Ħaż-Żebbuġ, Malta, and holder of Maltese identity card bearing number 246561M.

AND

JESSICA SCIBERRAS AZZOPARDI, accounts associate, 28 years, daughter of Simon Sciberras and the late Joseanne sive Josephine Anne Azzopardi, born in Pietà, Malta on the 7th January, 1994, and residing at Court B, Flat 7, Triq il-Villeġġatura, San Pawl il-Baħar and/or 'Attard House', Sqaq il-Qenċ, Ħaż-Żebbuġ, Malta, and holder of Maltese identity card bearing number 28694M.

ORDERED the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable property due to or pertaining or belonging to MARY THERESA ATTARD and JESSICA SCIBERRAS AZZOPARDI and prohibits the accused from transferring, pledging, hypothecating or otherwise changing or disposing of any immovable or movable property owned or otherwise held by them, and this in terms of Article 5 of the Prevention of Money Laundering Act, Cap. 373 of the Laws of Malta as made applicable by Article 23A(2) of the Criminal Code, Cap. 9 of the Laws of Malta and Article 36 of the Proceeds of Crime Act, Cap. 621 of the Laws of Malta.

The Court AUTHORISED the said accused to receive the amount of thirteen thousand, nine hundred and seventy-six euro and twenty-four cents (€13,976.24) per year (or the amount of six hundred euro (€600) every fifteen (15) days), from which it shall be specified what moneys may be paid or received by the accused during the existence of this order, including the source, method and other modalities of payments including salary, wages, pension and/or social security benefits. Provided that every financial entity is ordered to present a note by which it informs the Court in which account or from which account these moneys are taken.

Any person who acts in contravention of the court order as mentioned in Article 5 and Article 36 referred to above shall be guilty of an offence and shall on conviction be liable to a fine (multa) not exceeding twelve thousand euro

iżjed minn tnax-il (12) xahar, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Kull trasferiment ieħor jew tneħħija oħra ta' proprjetà li jsiru bi ksur ta' dik l-ordni tal-Qorti jkunu nulli u ma jkollhom ebda effett fil-liġi.

Illum 29 ta' Novembru, 2022

DIRETTUR, UFFIĊĊJU GĦALL-IRKUPRU TAL-ASSI

(€12,000), or to imprisonment for a period not exceeding twelve (12) months, or to both such fine and imprisonment.

Any transfer or other disposal of any property made in contravention of the said Court order shall be null and without effect at law.

Today 29th November, 2022

DIRECTOR, ASSET RECOVERY BUREAU

2233

ARB/C006/2020 – KANĊELLAZJONI TAL-ORDNI TAL-IFFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fil-25 ta' Novembru, 2022, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali (il-Maġistrat Dott. Donatella Frendo Dimech, LLD). Kumpilazzjoni numru 158/2020, fil-kawża fl-ismijiet:

Il-Pulizija
(is-Supretendent George Cremona)
(l-Ispettur Omar Zammit)

Kontra

BERTRAND AGIUS;

CARMEL k/a CHARLES BUGEJA, ta' 66 sena, bin il-mejtin Joseph u Antonia xebba Cilia, imwieled Ħal Qormi, Malta, fis-27 ta' Novembru, 1956, u residenti ġewwa 21, Triq G. Galilei, Il-Mellieħa, u detentur ta' karta tal-identità Maltija bin-numru 769456M.

KONRAD AGIUS;

U

MICHAEL CAUCHI.

Il-Qorti TORDNA L-KANĊELLAZZJONI tal-ordni tal-iffriżar maħruġa fuq l-assi kollha ta' CARMEL k/a CHARLES BUGEJA, liema ordni ġiet mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dott. Victor George Axiak, LLD) permezz ta' digriet iddatat 24 ta' April, 2020, u li ġiet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tat-30 ta' April, 2020. Illi din l-ordni tal-iffriżar ġiet limitata għal vettura nawtika rreġistrata taħt il-bandiera Maltija u fondi li ġew iddepożitati u miżmuma mid-Direttur tal-Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi hekk kif speċifikat fid-digriet tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dott. Donatella Frendo Dimech, LLD) iddatat 10 ta' Diċembru, 2020, li ġiet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tas-17 ta' Diċembru, 2020. Għaldaqstant, permezz

ARB/C006/2020 – CANCELLATION OF A FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 25th November, 2022, given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Judicature (Magistrate Dr Donatella Frendo Dimech, LLD). Compilation Number 158/2020 in the case:

The Police
(Superintendent George Cremona)
(Inspector Omar Zammit)

Versus

BERTRAND AGIUS;

CARMEL k/a CHARLES BUGEJA, 66 years, son of the late Joseph and Antonia née Cilia, born in Ħal Qormi, Malta, on the 27th November, 1956, and residing at 21, Triq G. Galilei, Mellieħa, and holder of Maltese identity card bearing number 769456M.

KONRAD AGIUS;

AND

MICHAEL CAUCHI.

The Court ORDERED THE CANCELLATION of the freezing order issued on all the assets of CARMEL k/a CHARLES BUGEJA, which order was given by the Courts of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Victor George Axiak, LLD) by a decree dated 24th April, 2020, which was duly published in the Government Gazette of the 30th April, 2020. That this freezing order was limited to a nautical vehicle registered with Maltese flag and funds which were deposited and kept by the Director of the Asset Recovery Bureau as per Court decree given by the Courts of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Donatella Frendo Dimech, LLD) dated 10th December, 2020, which was duly published in the Government Gazette of the 17th

ta' din il-kanċellazzjoni l-vettura nawtika u kif ukoll il-flus miżmuma mid-Direttur tal-Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi għandhom jiġu rilaxxati hekk kif stipulat.

Din in-notifika qed tiġi ppubblikata ai termini tal-Artikolu 5(6) tal-Att Kontra Money Laundering, Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-Artikolu 36(7) tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità, Kap. 621 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illum 29 ta' Novembru, 2022

DIRETTUR, UFFIĊĊJU GĦALL-IRKUPRU TAL-ASSI

December, 2020. Therefore, through this cancellation the nautical vehicle and the funds kept by the Director of the Asset Recovery Bureau shall be released as stipulated.

This notice is being published in terms of Article 5(6) of the Prevention of Money Laundering Act, Cap. 373 of the Laws of Malta and Article 36(7) of the Proceeds of Crime Act, Cap. 621 of the Laws of Malta.

Today 29th November, 2022

DIRECTOR, ASSET RECOVERY BUREAU

2234

ARB/C008/2020 – KANĊELLAZJONI TAL-ORDNI TAL-IFFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fil-25 ta' Novembru, 2022, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali (il-Maġistrat Dott. Donatella Frendo Dimech, LLD). Kumpilazzjoni numru 157/2020, fil-kawża fl-ismijiet:

Il-Pulizija
(is-Supretendent George Cremona)
(l-Ispettur Omar Zammit)

Kontra

JAMES FENECH, direttur ta' kumpanija, ta' 43 sena, bin il-mejjet Joseph u Mary Rose xebba Borg, imwieled Sydney, l-Awstralja, fit-28 ta' Frar, 1979, residenti ġewwa 341, Solaris, Triq l-Etna, Il-Mellieħa, u detentur ta' karta tal-identità Maltija bin-numru 519694M.

U

SOVEREIGN CHARTERERS LIMITED, b'numru tar-reġistrazzjoni Malti C67113 li għandha l-indirizz reġistrat bħala 21, Misraħ il-Parroċċa, Il-Mellieħa, Malta.

Il-Qorti TORDNA L-KANĊELLAZZJONI tal-ordni tal-iffriżar maħruġa fuq l-assi kollha ta' JAMES FENECH u SOVEREIGN CHARTERERS LIMITED, liema ordni ġiet mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dott. Victor George Axiak, LLD) permezz ta' digriet iddatat 24 ta' April, 2020, u li ġiet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tat-30 ta' April, 2020. Illi din l-ordni tal-iffriżar ġiet limitata għal vettura nawtika rreġistrata taħt il-bandiera Maltija u fondi li ġew iddepożitati u miżmuma mid-Direttur tal-Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi hekk kif speċifikat fid-digriet tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dott. Donatella Frendo Dimech, LLD) iddatat 10 ta' Diċembru, 2020, li ġiet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tas-17 ta' Diċembru,

ARB/C008/2020 – CANCELLATION OF A FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 25th November, 2022, given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Judicature (Magistrate Dr Donatella Frendo Dimech, LLD). Compilation Number 157/2020 in the case:

The Police
(Superintendent George Cremona)
(Inspector Omar Zammit)

Versus

JAMES FENECH, company director, 43 years, son of the late Joseph and Mary Rose née Borg, born in Sydney, Australia on the 28th February, 1979, residing at 341, Solaris, Triq l-Etna, Mellieħa, and holder of Maltese identity card bearing number 519694M.

AND

SOVEREIGN CHARTERERS LIMITED, with Maltese registration number C67113 and registered address at 21, Misraħ il-Parroċċa, Mellieħa, Malta.

The Court ORDERED THE CANCELLATION of the freezing order issued on all the assets of JAMES FENECH and SOVEREIGN CHARTERERS LIMITED, which order was given by the Courts of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Victor George Axiak, LLD) by a decree dated 24th April, 2020, which was duly published in the Government Gazette of the 30th April, 2020. That this freezing order was limited to a nautical vehicle registered with Maltese flag and funds which were deposited and kept by the Director of the Asset Recovery Bureau as per Court decree given by the Courts of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Donatella Frendo Dimech, LLD) dated 10th December, 2020, which was duly published in the Government Gazette of the 17th

2020. Għaldaqstant, permezz ta' din il-kanċellazzjoni l-vettura nawtika u kif ukoll il-flus miżmuma mid-Direttur tal-Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi għandhom jiġu rilaxxati hekk kif stipulat.

Din in-notifika qed tiġi ppubblikata ai termini tal-Artikolu 5(6) tal-Att Kontra Money Laundering, Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-Artikolu 36(7) tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità, Kap. 621 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illum 29 ta' Novembru, 2022

DIRETTUR, UFFIĊĊJU GĦALL-IRKUPRU TAL-ASSI

December, 2020. Therefore, through this cancellation the nautical vehicle and the funds kept by the Director of the Asset Recovery Bureau shall be released as stipulated.

This notice is being published in terms of Article 5(6) of the Prevention of Money Laundering Act, Cap. 373 of the Laws of Malta and Article 36(7) of the Proceeds of Crime Act, Cap. 621 of the Laws of Malta.

Today 29th November, 2022

DIRECTOR, ASSET RECOVERY BUREAU

2235

ARB/C082/2022 – ORDNI TA' QBID U FFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fis-26 ta' Settembru, 2022, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dott. Donatella Frendo Dimech, LLD). Kumpilazzjoni Numru 491/2022, fil-kawża fl-ismijiet:

Ir-Repubblika ta' Malta

Kontra

MARIJA RITA SPITERI, diżokkupata, ta' 30 sena, bint Joseph Spiteri u Annunziata Spiteri xebba Zammit, imwielda Tal-Pietà, Malta, fit-12 ta' Ottubru, 1992, u residenti ġewwa Ternic, Flat 1, Triq Blat il-Qamar, Is-Siġġiewi, u detentriċi ta' karta tal-identità Maltija bin-numru 493392M.

ORDNAT iż-żamma u s-sekwestru f'idejn partijiet terzi b'mod ġenerali l-flus u kull proprjetà mobbli oħra dovuta jew li tappartjeni jew li hija ta' MARIJA RITA SPITERI u tipprojbixxi lill-imputata milli tittrasferixxi, tagħti b'rahan, twiegħed, tipoteka jew tibdel jew xort'oħra tiddisponi minn kwalunkwe proprjetà immobbli jew mobbli li tkun proprjetà ta' jew inkella miżmuma minnha, u dan ai termini tal-Artikolu 5 tal-Att kontra Money Laundering, Kap. 373 tal-Ligijiet ta' Malta hekk kif reż applikabbli bl-Artikolu 23A(2) tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-Artikolu 36 tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità, Kap. 621 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti AWTORIZZAT lill-imputata li tirċievi l-ammont ta' tlettax-il elf disa' mija u sitta u sebgħin ewro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (€13,976.24) fis-sena (jew sitt mitt ewro (€600) kull ħmistax-il (15) ġurnata), minn fejn għandhom jiġu speċifikati liema flejjes jistgħu jitħallsu jew jiġu rċevuti mill-imputata matul is-sussistenza ta' din l-ordni, ossija s-sors, il-mod u l-modalitajiet l-oħra tal-ħlas inklużi salarju, paga, pensjoni u/jew benefiċċji tas-sigurtà soċjali. B'dan illi kull entità finanzjarja hija ordnata li b'nota tinforma l-Qorti

ARB/C082/2022 – SEEZING AND FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 26th September, 2022, given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Donatella Frendo Dimech, LLD). Compilation Number 491/2022, in the case:

The Republic of Malta

Versus

MARIJA RITA SPITERI, unemployed, 30 years, daughter of Joseph Spiteri and Annunziata Spiteri née Zammit, born in Tal-Pietà, Malta, on the 12th October, 1992, and residing at Ternic, Flat 1, Triq Blat il-Qamar, Siġġiewi, and holder of Maltese identity card bearing number 493392M.

ORDERED the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable property due to or pertaining or belonging to MARIJA RITA SPITERI and prohibits the accused from transferring, pledging, hypothecating or otherwise changing or disposing of any immovable or movable property owned or otherwise held by her, and this in terms of Article 5 of the Prevention of Money Laundering Act, Cap. 373 of the Laws of Malta as made applicable by Article 23A(2) of the Criminal Code, Cap. 9 of the Laws of Malta and Article 36 of the Proceeds of Crime Act, Cap. 621 of the Laws of Malta.

The Court AUTHORISED the said accused to receive the amount of thirteen thousand, nine hundred and seventy-six euro and twenty-four cents (€13,976.24) per year (or the amount of six hundred euro (€600) every fifteen (15) days), from which it shall be specified what moneys may be paid or received by the accused during the existence of this order, including the source, method and other modalities of payments including salary, wages, pension and/or social security benefits. Provided that every financial entity is

f'liema kont jew minn liema kont ikunu qed jiġu rċevuti l-istess flejjes.

Kull persuna li tagħmel xi ħaġa bi ksur tal-ordni tal-Qorti msemmi fl-Artikolu 5 u fl-Artiklu 36, tkun ħatja ta' reat u teħel meta tinstab ħatja multa ta' mhux iżjed minn tnax il-elf ewro (€12,000) jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tnax-il xahar, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Kull trasferiment ieħor jew tneħħija oħra ta' proprjetà li jsiru bi ksur ta' dik l-ordni tal-Qorti jkunu nulli u ma jkollhom ebda effett fil-liġi.

Illum 29 ta' Novembru, 2022

DIRETTUR, UFFIĊĊJU GĦALL-IRKUPRU TAL-ASSI

ordered to present a note by which it informs the Court in which account or from which account these moneys are taken.

Any person who acts in contravention of the court order mentioned in Article 5 and Article 36, referred to above shall be guilty of an offence and shall on conviction be liable to a fine (multa) not exceeding twelve thousand euro (€12,000), or to imprisonment for a period not exceeding twelve months, or to both such fine and imprisonment.

Any transfer or other disposal of any property made in contravention of the said Court order shall be null and without effect at law.

Today 29th November, 2022

DIRECTOR, ASSET RECOVERY BUREAU

2236

ARB/C066/2020 – VARJAZZJONI TAL-ORDNI TAL-IFFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fl-14 ta' Ottubru, 2022, mill-Qorti Kriminali (l-Onor. Imħallef Dott. Giovanni M. Grixti, LLD). Fil-kawża fl-ismijiet:

Ir-Repubblika ta' Malta

Kontra

JASON VELLA TABONE;

PIERRE GRECH CUMBO PILLOW, negozjant, ta' 46 sena, bin Augustine u Helen xebba Buhagiar, imwieled Ħ'Attard, Malta, fl-24 ta' Lulju, 1976, u residenti ġewwa Blue Harbour Shackleton, Fl. A2, Ix-Xatt ta' Xbiex, Ta' Xbiex, u detentur ta' karta tal-identità Maltija bin-numru 362376M.

U

PGP TRADING LIMITED;

Il-Qorti TAWTORIZZA lill-imputat PIERRE GRECH CUMBO PILLOW sabiex jesegwixxi ħlasijiet tal-polza tal-assigurazzjoni tal-vettura fl-ammont ta' mija, sitta u sebgħin ewro u ħamsin ċenteżmu (€176.50) u l-liċenzja tat-triq relattiva fl-ammont ta' mija u sittin ewro (€160) tal-vettura msemmija fid-digriet tal-Qorti datat 14 ta' Ottubru, 2022. Dawn il-pagamenti għandhom isiru mill-kont tal-bank intestat f'isem l-imputat li jispiċċa -4046 u li huwa miżmum mal-Bank of Valletta plc.

Din il-varjazzjoni qed issir ai termini tal-Artikolu 5 (3) tal-Att kontra Money Laundering, Kap. 373 tal-Liġijiet ta'

ARB/C066/2020 – VARIATION OF A FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 14th October, 2022, given by the Criminal Court (Hon. Mister Justice Dr Giovanni M. Grixti, LLD). In the case:

The Republic of Malta

Versus

JASON VELLA TABONE;

PIERRE GRECH CUMBO PILLOW, businessman, 46 years, son of Augustine and Helen née Buhagiar, born in Ħ'Attard, Malta, on the 24th July, 1976, and residing at Blue Harbour Shackleton, Fl. A2, Ix-Xatt ta' Xbiex, Ta' Xbiex, and holder of Maltese identity card bearing number 362376M.

AND

PGP TRADING LIMITED;

The Court AUTHORISED the accused PIERRE GRECH CUMBO PILLOW to carry out the payments of the motor vehicle insurance policy in the amount of one hundred seventy-six ewro and fifty cents (€176.50) and the relative road licence fee in the amount of one hundred sixty ewro (€160) of the vehicle listed in the Court decree dated 14th October, 2022. These payments must be carried out from the bank account listed on the accused ending in -4046 and held with Bank of Valletta plc.

This variation is being published in terms of Article 5 (3) of the Prevention of Money Laundering Act, Cap. 373 of

Malta, wara digriet ta' ordni tal-iffriżar mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dott. Nadine Lia, LLD), fid-9 ta' Diċembru, 2020, li ġiet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern fl-24 ta' Diċembru, 2020, fejn il-Qorti ordnat is-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali, tal-flejjes u l-proprjetà mobbli jew immobbli kollha li huma dovuti lil, jew imissu lil, jew li huma proprjetà ta' Jason Vella Tabone, PIERRE GRECH CUMBO PILLOW, and PGP Trading Limited.

Illum 30 ta' Novembru, 2022

DIRETTUR, UFFIĊĊJU GĦALL-IRKUPRU TAL-ASSI

the Laws of Malta, following a freezing order which decree was given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Nadine Lia LL.D) on the 9th December, 2020, which was published in the Government Gazette on the 24th December, 2020, where the court ordered the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable or immovable property due or pertaining or belonging to Jason Vella Tabone, PIERRE GRECH CUMBO PILLOW, and PGP Trading Limited.

Today 30th November, 2022

DIRECTOR, ASSET RECOVERY BUREAU

2237

ARB/C012/2021 – VARJAZZJONI TAL-ORDNI TAL-IFFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fit-3 ta' Novembru, 2022, mill-Qorti Kriminali (l-Onor. Imħallef Dott. Giovanni M. Grixti, LLD). Fil-kawża fl-ismijiet:

Il-Pulizija
(l-Ispettur Marshal Mallia)
(l-Ispettur Steven Ryan Micallef)

Kontra

MARK ANTHONY ZAMMIT, analista tas-software, ta' 32 sena, iben Carmel u il-mejta Marcelline xebba Stevens, imwieled Tal-Pietà, Malta, fis-7 ta' Lulju, 1990, residenti ġewwa 105, Triq Ta' Fjuri, San Pawl il-Baħar, u detentur ta' karta tal-identità Maltija bin-numru 325790M.

Il-Qorti AWTORIZZAT l-istralċ tas-soċjetà Mary Stevens Limited (C3121) li tagħha l-imputat MARK ANTHONY ZAMMIT huwa azzjonist, b'dan illi kwalunkwe rikavat dovut lill-imputat minn dan l-istralċ jkun suġġett għall-ordni tal-iffriżar mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja, iddatat 25 ta' Frar, 2021.

Din il-varjazzjoni qed issir ai termini tal-Artikolu 22A (3) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluż, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, wara digriet ta' ordni tal-iffriżar mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dott. Audrey Demicoli, LLD) fil-25 ta' Frar, 2021, li ġiet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern fil-5 ta' Marzu, 2021, fejn il-Qorti ordnat iż-żamma u s-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali, tal-flejjes u l-proprjetà mobbli jew immobbli kollha li huma dovuti lil, jew imissu lil, jew li huma proprjetà ta' MARK ANTHONY ZAMMIT.

Illum 30 ta' Novembru, 2022

DIRETTUR, UFFIĊĊJU GĦALL-IRKUPRU TAL-ASSI

ARB/C012/2021 – VARIATION OF A FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 3rd November, 2022, given by the Criminal Court (Hon. Mister Justice Dr Giovanni M. Grixti, LLD). In the case:

The Police
(Inspector Marshal Mallia)
(Inspector Steven Ryan Micallef)

Versus

MARK ANTHONY ZAMMIT, software analyst, 32 years, son of Carmel and the late Marcelline née Stevens, born in Tal-Pietà, Malta, on the 7th July, 1990, residing at 105, Triq Ta' Fjuri, San Pawl il-Baħar, and holder of Maltese identity card bearing number 325790M.

The Court AUTHORISES the winding up of the society Mary Stevens Limited (C3121) of which the accused MARK ANTHONY ZAMMIT is a shareholder, provided that any proceeds due to the accused from this winding up shall be subject to the freezing order issued by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry, dated 25th February, 2021.

This variation is being published in terms of Section 22A (3) of the Dangerous Drugs Ordinance, Cap. 101 of the Laws of Malta, following a freezing order which decree was given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Audrey Demicoli, LLD) on the 25th February, 2021, which was published in the Government Gazette on the 5th March, 2021, where the court ordered the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable or immovable property due or pertaining or belonging to MARK ANTHONY ZAMMIT.

Today 30th November, 2022

DIRECTOR, ASSET RECOVERY BUREAU

2238

ARB/C015/2021 – VARJAZZJONI TAL-ORDNI TA' QBID U FFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fit-28 ta' Novembru, 2022, mill-Qorti Kriminali (l-Onor. Imħallef Dott. Giovanni M. Grixti, LLD). Fil-kawża fl-ismijiet:

Ir-Repubblika ta' Malta

Kontra

LORRAINE FALZON, direttriċi ta' kumpanija, ta' 48 sena, bint Carmelo Galea u l-mejta Maria Dolores xebba Camilleri, imwielda Tal-Pietà, Malta, fl-1 ta' Novembru, 1974, residenti ġewwa 236, The Pines, Fl. 9, Triq is-Swieqi, Is-Swieqi, u detentriċi ta' karta tal-identità Maltija bin-numru 537274M.

MATTHEW PACE;

U

ZENITH FINANCE LIMITED;

Il-Qorti AWTORIZZAT lill-imputata LORRAINE FALZON sabiex tesegwixxi pagamenti relatati ma' ammonti dovuti għal polza tal-assigurazzjoni u self, li għandhom jiġu esegwiti mill-kont tal-bank intestat f'isem l-imputata li jispiċċa -7013 u li huwa miżmum mal-Bank of Valletta plc; hekk kif indikat sussegwentement:

a) L-ammont ta' mija, tnejn u tletin ewro u tnejn u tmenin ċenteżmu (€132.82) fis-sena se jiġi mħallas lil MAPFRE Middlesea plc għar-rigward tal-polza tal-assigurazzjoni tar-residenza bir-referenza numru P52018520,

b) L-ammont ta' mija, tnejn u tmenin ewro u tmienja u erbgħin ċenteżmu (€182.48) fix-xahar se jiġi mħallas lil Bank of Valletta plc għar-rigward tal-kont tas-self għad-dar li jispiċċa bin-numru -3290.

Din il-varjazzjoni qed issir ai termini tal-Artikolu 5 (3) tal-Att kontra Money Laundering, Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta, u l-Artikolu 36 (4) tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità, Kap. 621 tal-Liġijiet ta' Malta, wara digriet ta' ordni ta' qbid u ffriżar mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dott. Charmaine Galea, LLD), fl-20 ta' Marzu, 2021, li ġiet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern fit-26 ta' Marzu, 2021, fejn il-Qorti ordnat iż-żamma u s-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali, tal-flejjes u l-proprjetà mobbli jew immobbli kollha li huma dovuti lil, jew imissu lil, jew li huma proprjetà ta' LORRAINE FALZON, Matthew Pace, u Zenith Finance Limited.

ARB/C015/2021 – VARIATION OF SEIZING AND FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 28th November, 2022, given by the Criminal Court (Hon. Mister Justice Dr Giovanni M. Grixti, LLD). In the case:

The Republic of Malta

Versus

LORRAINE FALZON, company director, 48 years, daughter of Carmelo Galea and the late Maria Dolores née Camilleri, born in Tal-Pietà, Malta, on the 1st November, 1974, residing at 236, The Pines, Fl. 9, Triq is-Swieqi, Swieqi, and holder of Maltese identity card bearing number 537274M.

MATTHEW PACE;

AND

ZENITH FINANCE LIMITED;

The Court AUTHORISED the accused LORRAINE FALZON to carry out payments in relation to amounts due for the insurance policy and loan, which shall be executed from the bank account listed in the name of the accused ending in -7013 and which is held at the Bank of Valletta plc; as indicated in the below:

a) The amount of one hundred, thirty-two euro and eighty-two cents (€132.82) per year shall be paid to MAPFRE Middlesea plc in relation to the home insurance policy with reference number P52018520,

b) The amount of one hundred, eighty-two euro and forty-eight cents (€182.48) per month shall be paid to Bank of Valletta plc in relation to the home loan account ending in -3290.

This variation is being published in terms of Section 5 (3) of the Prevention of Money Laundering Act, Cap. 373 of the Laws of Malta, and Article 36 (4) of the Proceeds of Crime Act, Cap. 621 of the Laws of Malta, following a seizing and freezing order which decree was given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Charmaine Galea, LLD) on the 20th March, 2021, which was published in the Government Gazette on the 26th March, 2021 where the court ordered the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable or immovable property due or pertaining or belonging to LORRAINE FALZON, Matthew Pace, and Zenith Finance Limited.

Illum 30 ta' Novembru, 2022

DIRETTUR, UFFIĊĊJU GĦALL-IRKUPRU TAL-ASSI

Today 30th November, 2022

DIRECTOR, ASSET RECOVERY BUREAU

2239

ARB/C044/2021 – VARJAZZJONI TAL-ORDNI TA' QBID U FFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fl-4 ta' Novembru, 2022, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dott. Natasha Galea Sciberras, LLD). Kumpilazzjoni Numru 196/2021, fil-kawża fl-ismijiet:

Ir-Repubblika ta' Malta
Kontra

CARLOS DIMECH;

KEITH TESTA, maniġer u direttur, ta' 31 sena, iben Vincent u Carmen xebba Azzopardi, imwieled Tal-Pietà, Malta, fid-19 ta' Awwissu, 1991, residenti ġewwa 7, Helen, Triq it-Torri Wejter, Birkirkara, u detentur ta' karta tal-identità Maltija bin-numru 416691M,

U

PIETÀ MARINA CATERERS LIMITED, inkorporata fid-19 ta' Mejju, 2006, b'numru tar-reġistrazzjoni Malti C38729 u li għandha l-indirizz irreġistrat bħala Fumia Restaurant, La Vecchia Dogana, Sa Maison Road, Tal-Pietà, Malta.

Il-Qorti AWTORIZZAT lill-imputat KEITH TESTA sabiex iħallas is-somma ta' elfejn, erba' mija u wieħed u sebgħin ewro u ċenteżmu (€2,471.01) dovuta lil Bank of Valletta plc in rappreżentanza ta' kont ta' karta ta' kreditu li jispiċċa -4809 miżmum mill-imsemmi imputat. Illi dan il-pagament għandu jiġi esegwit mill-kont tal-bank intestat f'isem l-imputat KEITH TESTA li jispiċċa -4517 u li huwa miżmum mal-Bank of Valletta plc, fejn l-imputat jiddepożita s-salarju li jirċievi minn PIETÀ MARINA CATERERS LIMITED.

Din il-varjazzjoni qed issir ai termini tal-Artikolu 5 (3) tal-Att kontra Money Laundering, Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta u Artikolu 36 (4) tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità, Kap. 621 tal-Liġijiet ta' Malta, wara digriet ta' ordni ta' qbid u ffriżar mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dott. Natasha Galea Sciberras, LLD), fit-23 ta' Ġunju, 2021, li ġiet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern fit-28 ta' Ġunju, 2021, fejn il-Qorti ordnat iż-żamma u s-sekwestru f'idejn terzi

ARB/C044/2021 – VARIATION OF SEIZING AND FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 4th November, 2022, given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Natasha Galea Sciberras, LLD). Compilation Number 196/2021, in the case:

The Republic of Malta
Versus

CARLOS DIMECH;

KEITH TESTA, manager and director, 31 years, son of Vincent and Carmen née Azzopardi, born in Tal-Pietà, Malta, on the 19th August, 1991, residing at 7, Helen, Triq it-Torri Wejter, Birkirkara and holder of Maltese identity card bearing number 416691M,

AND

PIETÀ MARINA CATERERS LIMITED, incorporated on the 19th May, 2006, with Maltese registration number C38729 and registered address at Fumia Restaurant, La Vecchia Dogana, Sa Maison Road, Tal-Pietà, Malta.

The Court AUTHORISES the accused KEITH TESTA to pay the sum of two thousand, four hundred and seventy-one euro and one cent (€2,471.01) due to the Bank of Valletta plc in relation to credit card account ending -4809 which is held by the mentioned accused. That this payment must be carried out from the bank account listed in the name of the accused KEITH TESTA ending in -4517 and held at the Bank of Valletta plc, wherein the accused deposits the salary received from PIETÀ MARINA CATERERS LIMITED.

This variation is being published in terms of Section 5 (3) of the Prevention of Money Laundering Act, Cap. 373 of the Laws of Malta and Article 36 (4) of the Proceeds of Crime Act, Cap. 621 of the Laws of Malta, following a seizing and freezing order which decree was given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Natasha Galea Sciberras, LLD) on the 23rd June, 2021, which was published in the Government Gazette on the 28th June, 2021 where the court ordered the

persuni b'mod ġenerali, tal-flejjes u l-proprjetà mobbli jew immobbli kollha li huma dovuti lil, jew imissu lil, jew li huma proprjetà ta' Carlos Dimech, KEITH TESTA, u PIETÀ MARINA CATERERS LIMITED.

Illum 30 ta' Novembru, 2022

DIRETTUR, UFFIĊĊJU GĦALL-IRKUPRU TAL-ASSI

attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable or immovable property due or pertaining or belonging to Carlos Dimech, KEITH TESTA, and PIETÀ MARINA CATERERS LIMITED.

Today 30th November, 2022

DIRECTOR, ASSET RECOVERY BUREAU

2240

ARB/C012/2022 – VARJAZZJONI TAL-ORDNI TA' QBID U FFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fit-3 ta' Novembru, 2022, mill-Qorti Kriminali (l-Onor. Imħallef Dott. Consuelo Scerri Herrera, LLD). Fil-kawża fl-ismijiet:

Il-Pulizija
(l-Ispettur Alfredo Mangion)

Kontra

MURIEL MICALLEF, ta' 42 sena, bint Martin Micallef u Natalie Micallef xebba Galea, imwielda Tal-Pietà, Malta, fit-28 ta' Settembru, 1980, u residenti ġewwa Santa Marija, Flat 3, Triq Qrajten, Tal-Pietà, u detentriċi ta' karta tal-identità Maltija bin-numru 443080M.

Il-Qorti AWTORIZZAT lill-imputata MURIEL MICALLEF sabiex tirtira flejjes li tirċievi mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali mill-kont intestat f'isimha li jispiċċa -5051 u li huwa miżmum mal-HSBC Bank Malta plc. L-ammonti irtirati se jkunu limitati għall-ammont annwali massimu ta' tlettax-il elf, disa' mija u sitta u sebgħin ewro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (€13,976.24).

Din il-varjazzjoni qed issir ai termini tal-Artikolu 5 (3) tal-Att kontra Money Laundering, Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta, tal-Artikolu 36 (4) tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità, Kap. 621 tal-Liġijiet ta' Malta, u tal-Artikolu 22A (3) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluż, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, wara digriet ta' ordni ta' qbid u ffriżar mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dott. Monica Vella, LLD) fil-11 ta' Frar, 2022, li ġiet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern fit-23 ta' Frar, 2022, fejn il-Qorti ordnat iż-żamma u s-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali, tal-flejjes u l-proprjetà mobbli jew immobbli kollha li huma dovuti lil, jew imissu lil, jew li huma proprjetà ta' MURIEL MICALLEF.

Illum 30 ta' Novembru, 2022

DIRETTUR, UFFIĊĊJU GĦALL-IRKUPRU TAL-ASSI

ARB/C012/2022 – VARIATION OF SEIZING AND FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 3rd November, 2022, given by the Criminal Court (Hon. Madam Justice Dr Consuelo Scerri Herrera, LLD). In the case:

The Police
(Inspector Alfredo Mangion)

Versus

MURIEL MICALLEF, 42 years, daughter of Martin Micallef and Natalie Micallef née Galea, born in Tal-Pietà, Malta, on the 28th September, 1980, and residing at Santa Marija, Flat 3, Triq Qrajten, Tal-Pietà, and holder of Maltese identity card bearing number 443080M.

The Court AUTHORISES the accused MURIEL MICALLEF to withdraw moneys received from the Department of Social Security from the bank account listed in her name ending in-5051 and held at the HSBC Bank Malta plc. The amounts withdrawn shall be limited to the maximum annual amount of thirteen thousand, nine hundred and seventy-six euro and twenty-four cents (€13,976.24).

This variation is being published in terms of Article 5 (3) of the Prevention of Money Laundering Act, Cap. 373 of the Laws of Malta, Article 36 (4) of the Proceeds of Crime Act, Cap. 621 of the Laws of Malta, and Article 22A (3) of the Dangerous Drugs Ordinance, Cap. 101 of the Laws of Malta, following a seizing and freezing order which decree was given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Monica Vella, LLD) on the 11th February, 2022, which was published in the Government Gazette on the 23rd February, 2022, where the court ordered the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable or immovable property due or pertaining or belonging to MURIEL MICALLEF.

Today 30th November, 2022

DIRECTOR, ASSET RECOVERY BUREAU

2241

ARB/C083/2022 – ORDNI TA' QBID U FFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fit-13 ta' Ottubru, 2022, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dott. Yana Micallef Stafrace, LLD). Kumpilazzjoni Numru 597/2022, fil-kawża fl-ismijiet:

Il-Pulizija
(l-Ispettur Marshal Mallia)

Kontra

LAMIN JOBE, lavrant, ta' 21 sena, iben Lamin Jobe u Isatou Ceessay, imwieled il-Gambja fis-6 ta' April, 2001, mingħajr indirizz fiss f'Malta u detentur ta' passaport mill-Gambja bin-numru PC648634.

ORDNAT iż-żamma u s-sekwestru f'idejn partijiet terzi b'mod ġenerali l-flus u kull proprjetà mobbli oħra dovuta jew li tappartjeni jew li hija ta' LAMIN JOBE u tipprojbixxi lill-imputat milli jittrasferixxi, jagħti b'rahan, iwiegħed, jipoteka jew jibdel jew xort'oħra jiddisponi minn kwalunkwe proprjetà immobbli jew mobbli li tkun proprjetà ta' jew inkella miżmuma minnu, u dan ai termini tal-Artikolu 22A tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, tal-Artikolu 23A tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-Artikolu 36 tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità, Kap. 621 tal-Liġijiet ta' Malta.

Kull persuna li tagħmel xi ħaġa bi ksur tal-ordni tal-Qorti msemmi fl-Artikolu 22A, fl-Artikolu 23A u l-Artiklu 36, tkun ħatja ta' reat u teħel meta tinstab ħatja multa ta' mhux iżjed minn tnax-il elf ewro (€12,000) jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tnax-il xahar, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Kull trasferiment ieħor jew tneħħija oħra ta' proprjetà li jsiru bi ksur ta' dik l-ordni tal-Qorti jkunu nulli u ma jkollhom ebda effett fil-liġi.

Illum, l-1 ta' Diċembru, 2022

DIRETTUR, UFFIĊĊJU GĦALL-IRKUPRU TAL-ASSI

ARB/C083/2022 – SEIZING AND FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 13th October, 2022, given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Yana Micallef Stafrace, LLD). Compilation Number 597/2022, in the case:

The Police
(Inspector Marshal Mallia)

Versus

LAMIN JOBE, labourer, 21 years, son of Lamin Jobe and Isatou Ceessay, born in Gambia on the 6th April, 2001, without a fixed address in Malta and holder of Gambian passport bearing number PC648634.

ORDERED the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable property due to or pertaining or belonging to LAMIN JOBE and prohibits the accused from transferring, pledging, hypothecating or otherwise changing or disposing of any immovable or movable property owned or otherwise held by him, and this in terms of Article 22A of the Dangerous Drugs Ordinance, Cap. 101 of the Laws of Malta, Article 23A of the Criminal Code, Cap. 9 of the Laws of Malta and Article 36 of the Proceeds of Crime Act, Cap. 621 of the Laws of Malta.

Any person who acts in contravention of the court order mentioned in Article 22A, Article 23A, and Article 36, referred to above shall be guilty of an offence and shall on conviction be liable to a fine (multa) not exceeding twelve thousand euro (€12,000), or to imprisonment for a period not exceeding twelve months, or to both such fine and imprisonment.

Any transfer or other disposal of any property made in contravention of the said Court order shall be null and without effect at law.

Today, 1st December, 2022

DIRECTOR, ASSET RECOVERY BUREAU

2242

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti fil-11 ta' Novembru, 2022, fuq talba ta' Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal fi ħdan

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Court

By means of a decree given by this Court on the 11th November 2022, following a request by the Directorate for

il-Fondazzjoni għas-Servizzi tal-Ħarsien Soċjali ġie ordnat biex jintgħażlu kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lil Anees Badroush fl-atti tar-rikors numru 159/2022LL fl-ismijiet Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal fi Ħdan il-Fondazzjoni għas-Servizzi tal-Ħarsien Soċjali vs Jessica Muscat et u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal fi Ħdan il-Fondazzjoni għas-Servizzi tal-Ħarsien Soċjali vs Jessica Muscat u Anees Badroush, ippreżentat fil-Qorti tal-Minorenni fit-12 ta' Settembru, 2020, fejn id-Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal talab lil din il-Qorti sabiex:

1. Tikkonvalida l-ħrug ta' ordni ta' emergenza u t-tneħħija tal-minuri ai termini tal-Artikolu 20(2) tal-Kap. 602;

2. Tordna illi pendente lite l-minuri tibqa' tirrisjedi ġewwa d-Dar Residenzjali Santa Tereza, iż-Żurrieq, fi ħdan il-Fondazzjoni Sebħ;

3. Tilqa' pendente lite r-rakkomandazzjonijiet kif dedotti mid-Direttur fir-rapport anness u mmarkat Dok. X inkluż billi tafda l-kura u kustodja tal-minuri … ommissi … f'idjen id-Direttorat Tfal (Kura Alternattiva);

4. Tgħaddi sabiex tinnomina Avukat tat-Tfal ai termini tal-proviso li jsegwi Artikolu 20(2) tal-Kap. 602.

U dan taħt dawk il-provvedimenti li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni li timponi fiċ-ċirkustanzi.

Il-kawża fl-ismijiet Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal fi Ħdan il-Fondazzjoni għas-Servizzi tal-Ħarsien Soċjali vs Jessica Muscat et (Rikors numru 159/2022LL) jinsab differit għas-7 ta' Diċembru, 2022, fl-10.30 a.m.

Rikorrenti: Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal, 220, Cannon Road, Santa Venera

Notifika: Kuraturi Deputati

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuraturi tal-uffiċċju.

Child Protection within the Foundation of Social Welfare Services it was ordered that deputy curators be appointed to represent Anees Badroush in the acts of the Application Number 159/2022LL in the names Directorate for Child Protection within the Foundation of Social Welfare Services vs Jessica Muscat et and in the other relative and subsequent acts.

By means of an Application in the names Directorate for Child Protection within the Foundation of Social Welfare Services vs Jessica Muscat and Anees Badroush, filed in the Juvenile Court on the 12th September 2020, whereby the applicant Directorate for Child Protection within the Foundation of Social Welfare Services respectfully submitted so that this Court:

1. Validates the emergency order and the removal of the minor in terms of Article 20(2) of Cap. 602;

2. Orders that pendente lite the minor continues to reside at Dar Residenzjali Santa Tereza, Zurrieq within the Fondazzjoni Sebħ;

3. Upholds pendente lite the recommendations as set out by the Director in the report attached and marked as Doc. X including by entrusting the care and custody of the minor … ommissi … in the hands of the Directorate Children (Alternative Care);

4. Appoints a Children's Advocate in terms of proviso that follows Article 20(2) of Cap. 602.

And this under those provisions that this Honourable Court deems necessary and opportune to impose in the circumstances.

The case (Application number 159/2022LL) in the names Directorate for Child Protection within the Foundation of Social Welfare Services et vs Jessica Muscat et is postponed to the 7th December, 2022, at 10.30 a.m.

Applicant: Directorate for Child Protection, 220, Cannon Road, Santa Venera

Notification: Deputy Curators

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of curators of office.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), fuq xhieda tal-Magistrat Dott. Lara Lanfranco, MA Law (Melit.) BA, LLD, Duttur tal-Liġi, Maġistrat tal-Qorti tal-Maġistrati hawn fuq imsemmi.

Illum 11 ta' Novembru, 2022

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum l-1 ta' Diċembru, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali

And after so acting or if you should encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Given by the aforementioned Court of Magistrates (Malta) with the witness of Magistrate Dr Lara Lanfranco, MA Law (Melit.) BA, LLD, Doctor of Laws, Magistrate of the above mentioned Court.

Today 11th November, 2022

Registry of the Magistrates Court (Malta), today 1st December, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2243

Avviż mir-Reġistru Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja)

Billi r-rikorrenti Mario Caruana, bin-numru tal-karta tal-identità 265385M, ipprezenta rikors numru 189/22AGV, fejn talab il-korrezzjoni tal-Att tat-Twelid ta' Angel Galea 3295/09 fir-Reġistru Pubbliku.

Kull min jidhirlu li għandu interess u jrid jopponi dik it-talba, b'dan l-avviż huwa msejjaħ sabiex ifisser il-fehma tiegħu, b'nota li għandha tiġi ppeżentata fir-Reġistru ta' dawn il-Qrati fi żmien ħmistax-il ġurnata mill-ħruġ ta' dan l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

Dawk illi, fiż-żmien fuq imsemmi, ikunu ppreżentaw dik in-nota, għandhom jiġu notifikati b'kopja tar-rikors ġuramentat hawn fuq imsemmi bil-ġurnata li tingħata għas-smigħ tal-kawża.

B'ordni tal-Qorti,

Reġistru tal-Qorti Superjuri,

Illum 30 ta' Novembru, 2022

CETTINA GAUCI
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Notice, Registry of the Civil Court (Family Section)

Whereas the plaintiff Mario Caruana, ID Card number 265385M, presented an application (number 189/22AGV) demanding corrections in Angel Galea's act of birth number 3295/09 in the Public Registry.

Whoever may have an interest therein, and wishes to oppose that demand, is hereby called upon to do so, by means of a note to be filed in the Registry of these Courts, within fifteen days from the day of the publication of this present notice in the Government Gazette.

Those who, within the aforesaid time, shall have filed such note, shall be notified by the service of a copy of the said application under oath, of the day which will be appointed for the hearing of the case.

By order of the Court,

Registry of the Superior Court,

This 30th November, 2022

CETTINA GAUCI
For Registrar, Civil Courts and Tribunals

2244

Permezz ta' digriet mogħti fil-Prim'Awla tal-Qorti fit-3 ta' Novembru, 2022, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 3450/2022, fl-ismijiet Joseph Micallef et vs C&M Contractors Limited et, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimati C&M Contractors Limited, Carmelo Mangion u Carmen Mangion, a tenur tal-artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

It is hereby notified that the First Hall of Civil Courts by means of a decree given on the 3rd November, 2022, in the records of the judicial letter number 3450/2022, in the names Joseph Micallef et vs C&M Contractors Limited et, ordered the following publication for the purpose of effecting service on the respondents C&M Contractors Limited, Carmelo Mangion and Carmen Mangion, in terms of Article 187(3) et sequitur of Chapter 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti

Illum 11 ta' Awwissu, 2022

Lil: C&M Contractors Limited (C30803) ta' Palazzo Virtù, Triq tal-Virtù, Ir-Rabat, Malta

Carmelo Mangion (KI 110160M) ta' Palazzo Virtù, Triq tal-Virtù, Ir-Rabat, Malta

Carmen Mangion (KI 18462M) ta' Palazzo Virtù, Triq tal-Virtù, Ir-Rabat, Malta

Bil-preżenti Joseph Micallef (KI 619541M) ta' 180, Triq Zerafa, Il-Marsa u wliedu Joanne Farag (KI 313269M), Allison Robinson (KI 399475M) u Robert Micallef fil-kwalità ta' eredi tal-mejta ommhom Josephine Micallef mart il-mittenti Joseph Micallef, jagħmlu referenza għall-kuntratt pubblikat min-Nutar Dott. Peter Carbonaro datat 13 ta' Frar 2018, permezz ta' liema l-intimata C&M Contractors Limited ikkositwiet ruħha ċerta, vera u likwida debitriċi a favur tal-mittenti Joseph Micallef u ta' martu l-mejta Josephine Micallef fis-somma ta' €110,000 rappreżentanti l-prezz tal-bejgħ ta' appartament ġja vversati mill-konjuġi Micallef, liema appartament qatt ma ġie trasferit lilhom mill-intimata C&M Contractors Limited.

Il-mittenti jagħmlu referenza wkoll għall-obbligu assunt mill-istess intimata C&M Contractors Limited fuq l-imsemmi kuntratt li tħallas l-imsemmi debitu mhux aktar tard mill-15 ta' Frar, 2020, bl-imgħax ta' 3% u wara r-raba' sena bl-interessi ta' 8% liema obbligu ġie assunt minnek Carmelo Mangion u minnek Carmen Mangion bħala garanti solidali.

Intom inqastu milli tħallsu d-debitu imsemmi saż-żmien stabbilit fl-imsemmi kuntratt mingħajr ebda raġuni valida fil-liġi u dan minkejja diversi wegħdiet daparti tagħkom li se twettqu l-pagament dovut. Għalhekk il-mittenti qed jinterpellawkom formalment u għall-aħħar darba sabiex teffettwaw il-ħlas tad-debitu kollu minnkom dovut fl-ammont ta' €110,000 oltre għall-interessi ta' 3% pagabbli fuq l-istess ammont li bdew jiddeklorru b'effett mit-13 ta' Frar, 2018 sat-12 ta' Frar, 2022, u oltre għall-interessi ta' 8% pagabbli mit-12 ta' Frar, 2022, sad-data tal-pagament effettiv u dan sa żmien jumejn min-notifika ta' din l-ittra uffiċjali.

Din l-ittra uffiċjali qed issir ai termini tal-artikolu 256(2) tal-Kap. 12.

Tant biex tagħrfu tirregolaw il-pożizzjoni tagħkom.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv.

Reġistru Qrati Superjuri, illum l-1 ta' Diċembru, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

In the First Hall of the Civil Court

Today 11th August 2022

To: C&M Contractors Limited (C30803) of Palazzo Virtù, Triq tal-Virtù, Rabat, Malta

Carmelo Mangion (ID 110160M) of Palazzo Virtù, Triq tal-Virtù, Rabat, Malta

Carmen Mangion (ID 18462M) of Palazzo Virtù, Triq tal-Virtù, Rabat, Malta

By means of this present Joseph Micallef (ID 619541M) of 180, Triq Zerafa, Marsa, and his children Joanne Farag (ID 313269M), Allison Robinson (ID 399475M) and Robert Micallef in their capacity as heirs of their mother Josephine Micallef wife of the interpellant Joseph Micallef, makes reference to the public deed in the records of Dr Peter Carbonaro dated 13th February, 2018, by means of which C&M Contractors Limited constituted itself as certain, liquid and true debtor in favour of the interpellant Joseph Micallef and of his wife the late Josephine Micallef for the amount of €110,000 representing the price of sale of an apartment already paid by spouses Micallef, which apartment was never transferred to them by the respondent C&M Contractors Limited.

The interpellant makes reference to the obligation assumed by the same interpellant C&M Contractors Limited on the said contract to pay the same debt by not later than 15th February, 2020, with 3% interest and after the fourth year with 8% interest which obligation was assumed by you Carmelo Mangion and your wife Carmen Mangion as sureties in solidum.

You failed to pay the mentioned debt within the time established on the said contract without any valid reason at law and although several promises were made on your part that you are going to pay the amount due. Thus the interpellants are soliciting you formally and for the last time to effect the payment of all the debt due by you in the amount of €110,000 besides the interest of 3% payable on the same amount that accrued with effect from the 13th February 2018 till the 12th February, 2022, and this besides the interest of 8% payable from the 12th February, 2022, till the date of effective payment and this within two days from the notification of this judicial letter.

This judicial letter is being made in terms of Article 256(2) of Chapter 12.

So much so that you know how to regulate yourselves.

With costs and legal interest till the date of effective payment.

Registry of the Superior Courts, today 1st December, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC® — *Printed at the Government Printing Press on FSC® certified paper*

FSC
www.fsc.org
MIX
Paper from responsible sources
FSC® C140603